

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

P8_TA(2016)0121

Implimentazzjoni u rieżami tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' April 2016 dwar implimentazzjoni u rieżami tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali (2015/2220(INI))**

(2018/C 058/13)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tat-13 ta' Jannar 2015 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali adottata fl-2007,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali kif adottata mill-Kunsill Affarijiet Ġenerali fit-22 ta' Ġunju 2015,
- wara li kkunsidra l-impenji mħabbra fil-laqgħa ministerjali tal-UE-Asja Ċentrali fi Brussell fl-20 ta' Novembru 2013,
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ħames Konferenza ta' Livell Għoli UE-Asja Ċentrali dwar l-Enerġija u l-Kooperazzjoni dwar l-Ilma li saret f'Milan fit-12 u t-13 ta' Ottubru 2015,
- wara li kkunsidra r-riżultati tal-Laqqgħa tal-OSKE dwar l-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana f'Varsavja mill-21 ta' Settembru sat-2 ta' Ottubru 2015,
- wara li kkunsidra l-Proċess ta' Istanbul dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni Reġjonali għal Afganistan Sigur u Stabbli mniedi fit-Turkija fl-2011, u l-konferenza ministerjali bl-isem ta' "Heart of Asia (il-Qalba tal-Asja)" li saret f'Kabul fl-14 ta' Ġunju 2012 bl-għan li jiġi infurzat,
- wara li kkunsidra l-appoġġ u l-evalwazzjoni pożittiva tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin fir-rigward tar-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali li għadu kif inħatar, is-Sur Peter Burian, waqt is-seduta ta' smigħ tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2015,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-reġjun, b'mod partikolari dawk tal-20 ta' Frar 2008 dwar Strateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ⁽¹⁾ u tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-kwittanza lill-Kummissjoni 2013, u b'mod partikolari l-Parti II tar-Rapport Speċjali Nru 13/2013 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Assistenza għall-Iżvilupp mill-UE lill-Asja Ċentrali" ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' April 2015 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni u l-aġenziji eżekuttivi, u l-paragrafu 240 tagħha ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2012 dwar "Il-Kooperazzjoni fil-qasam tal-politika dwar l-enerġija ma' pajjiżi lil hinn mill-fruntieri tagħna: Approċċ strateġiku għal provvista sikura, sostenibbli u kompetittiva tal-enerġija" ⁽⁵⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 184 E, 6.8.2009, p. 49.⁽²⁾ ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 91.⁽³⁾ ĠU L 255, 30.9.2015, p. 68.⁽⁴⁾ ĠU L 255, 30.9.2015, p. 27.⁽⁵⁾ ĠU C 332 E, 15.11.2013, p. 28.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 dwar ir-rwol tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni f'każ ta' kriżijiet ikkawżati mill-klima u ta' diżastri naturali ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2014 dwar il-prijoritajiet tal-UE għall-25 sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-rieżami tal-istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali tal-2011 dwar id-drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija fid-Dinja u l-politika tal-UE dwar il-kwistjoni ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu dwar politiki tal-UE favur id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tas-17 ta' Ġunju 2010 ⁽⁵⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Settembru 2015 dwar id-drittijiet tal-bniedem u t-teknoloġija: l-impatt ta' sistemi ta' intrużjoni u sorveljanza fuq id-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2012 dwar Strateġija dwar il-Libertà Diġitali fil-Politika Barranija tal-UE ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2010 dwar "It-Tisħiħ tal-OSKE – rwol tal-UE" ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Novembru 2012 li fiha r-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni [u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna] dwar in-negożjati għal ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan ⁽⁹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2012 dwar il-Każakistan ⁽¹⁰⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2013 dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Każakistan ⁽¹¹⁾,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2015 dwar "il-Kirgiżistan, l-abbozz ta' liġi dwar il-propoganda omossesswali" ⁽¹²⁾,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi għajnuna makrofinanzjarja lir-Repubblika Kirgiża ⁽¹³⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 419, 16.12.2015, p. 153.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2014)0252.

⁽³⁾ ĠU C 434, 23.12.2015, p. 111.

⁽⁴⁾ ĠU C 434, 23.12.2015, p. 87.

⁽⁵⁾ ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 69.

⁽⁶⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0288.

⁽⁷⁾ ĠU C 434, 23.12.2015, p. 24.

⁽⁸⁾ ĠU C 74 E, 13.3.2012, p. 12.

⁽⁹⁾ ĠU C 419, 16.12.2015, p. 159.

⁽¹⁰⁾ ĠU C 251 E, 31.8.2013, p. 93.

⁽¹¹⁾ ĠU C 45, 5.2.2016, p. 85.

⁽¹²⁾ Testi adottati, P8_TA(2015)0008.

⁽¹³⁾ Testi adottati, P7_TA(2013)0426.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Mejju 2010 dwar is-sitwazzjoni fil-Kirgiżistan ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2009 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Taġikistan, min-naħa l-oħra ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2014 dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Uzbekistan ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2011 [dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill] dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni li jistabbilixxi sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Uzbekistan, min-naħa l-oħra, li jemenda l-Ftehim sabiex jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, b'konsiderazzjoni tal-iskadenza tal-Ftehim bilaterali dwar it-tessuti ⁽⁵⁾;
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2015-2019, adottat mill-Kunsill fl-20 ta' Lulju 2015,
 - wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem dwar il-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline, adottati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-12 ta' Mejju 2014,
 - wara li kkunsidra r-Risoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti A/RES/53/144, id-“Dikjarazzjoni tal-1998 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar id-Dritt u r-Responsabilità tal-Individwi, tal-Gruppi u tal-Entitajiet tas-Soċjetà li Jippromwov u Jħarsu d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali Rikonoxxuti Universalment” magħrufa wkoll bħala d-“Dikjarazzjoni dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem”,
 - wara li kkunsidra r-rieżamijiet kontinwi tal-Istrateġija Globali tal-UE dwar il-politika barranija u ta' sigurtà u tal-Politika Ewropea tal-Viċinat,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tat-TUE,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0051/2016),
- A. billi l-Istrateġija UE-Asja Ċentrali ġiet adottata f'kuntest tal-importanza dejjem tikber tar-reġjun u ta' aktar involviment tal-UE fil-pajjiżi ġar tal-Afganistan, l-estensjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat għar-reġjun Kaspju, appoġġ kontinwu mill-UE għal riforma u modernizzazzjoni ta' soċjetajiet post-Sovjetiċi, u l-interessi tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE; billi din irrikonoxxiet ukoll it-tneħħid u l-isfidi għas-sigurtà li jirrikjedu kooperazzjoni akbar bejn l-Asja Ċentrali u l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha; billi l-Istrateġija ilha implimentata għal kważi 8 snin;
- B. billi, minkejja l-imgħoddi komuni tagħha, l-Asja Ċentrali hija reġjun eteroġenu b'karattru multietniku u multidenominazzjonali; billi n-nuqqas ta' fiduċja reċiproka u t-tensjoni persistenti dwar l-użu u l-kondiviżjoni ta' riżorsi naturali s'issa xekklu l-iżvilupp ta' kooperazzjoni reġjonali ġenwina;

⁽¹⁾ ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 92.

⁽²⁾ ĠU C 81 E, 15.3.2011, p. 80.

⁽³⁾ ĠU C 224 E, 19.8.2010, p. 12.

⁽⁴⁾ Testi adottati, P8_TA(2014)0040.

⁽⁵⁾ ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 195.

⁽⁶⁾ ĠU C 36, 29.1.2016, p. 126.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- C. billi r-rispett għad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem huma kundizzjoni bażika għal kooperazzjoni aktar profonda bejn l-UE u l-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali f'oqsma ta' interess reċiproku, skont it-tifsira reali tat-terminu "sħubija" kif stabbilit fil-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni; billi s-sitwazzjoni ġenerali tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun tibqa' fqira u inkwetanti fl-ivvelli differenti;
- D. billi n-nuqqasijiet serji tal-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jxekklu l-opportunitajiet ta' żvilupp sostenibbli u governanza tajba għall-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, b'detriment għas-soċjetajiet tagħhom;
- E. billi r-rabtiet kummerċjali u enerġetiċi jsaħħu r-relazzjonijiet UE-Asja Ċentrali u jipromovu valuri komuni bħall-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; billi s-sistema GSP (sistema ġeneralizzata ta' preferenzi) għandha l-għan li tiddiversifika l-ekonomiji tal-Asja Ċentrali;
- F. billi xi Stati Membri żviluppaw u approfondixxew ir-relazzjonijiet bilaterali ma' xi wħud mill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali; billi l-UE teħtieġ approċċ koerenti u konsistenti għar-reġjun sabiex tevita kwalunkwe każ ta' sovrappożizzjoni jew li tibgħat messaġġi kontradittorji u konfużjonarji;
- G. billi l-għajnuna tal-UE għall-iżvilupp għall-Asja Ċentrali, l-iktar taħt l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI), żdied għal EUR 1 biljun fil-perjodu 2014-2020, jiġifieri b'56 % meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013;
- H. billi l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) huwa għodda finanzjarja importanti intiża biex tappoġġa l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-demokratizzazzjoni;
- I. billi r-reġjun huwa dejjem aktar affettwat mill-fanatiżmu reliġjuż, rifless fl-appoġġ għall-IS/Da'esh, Al Qaeda fl-Afganistan u l-Hizb-ut-Tahrir, u għadd kbir ta' persuni telqu biex jissieħbu mal-IS/Da'esh fis-Sirja u l-Iraq;
- J. billi r-reġjun huwa rotta ta' tranżitu importanti għad-drogi bejn l-Afganistan u r-Russja u ċerti gruppi tribali lokali huma involuti f'dan il-kummerċ lukrattiv, u dan jippermettilhom jeżerċitaw influwenza politika sinifikanti minħabba l-korruzzjoni u l-kunflitti ta' interess;
- K. billi l-edukazzjoni għandha rwol kruċjali biex trawwem l-iżvilupp stabbli, sigur u sostenibbli tar-reġjun;
- L. billi f'Ġunju 2015, il-Kunsill Affarjiet Barranin tenna l-impenn tiegħu favur il-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u kkonkluda li l-emanċipazzjoni tan-nisa fir-reġjun hi element essenzjali tal-istabilità iktar fit-tul u l-governanza tajba;
- M. billi l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali għandhom itejbu d-dispożizzjonijiet legali u amministrattivi tal-politika tal-asil tagħhom, u billi l-proċessi konsultattivi reġjonali, bħall-Proċess ta' Almaty, li hu kkoordinat mill-UNHCR (Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati) u l-IOM (Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni), jistgħu jikkontribwixxu għal dan;
- N. billi l-effetti tat-tisħin globali fuq l-Asja Ċentrali għandhom fil-biċċa l-kbira mhux magħrufa, iżda diġà huwa ċar li l-problemi ta' provvista tal-ilma fil-pajjiżi li jinsabu f'levazzjoni baxxa ser ikomplu jmorru għall-aġar;
- O. billi r-Russja u ċ-Ċina għandhom rabtiet b'saħħithom u influwenza fir-reġjun, iżda għad hemm lok kbir għall-UE biex iżżid l-azzjoni u l-kooperazzjoni tagħha mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

- P. ifakkar li diversi sħubijiet reġjonali, bħalma huma l-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO), l-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni ta' Shanghai (SCO) u l-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika (EEU), jinkludu, fost il-membri tagħhom, diversi pajjiżi tal-Asja Ċentrali filwaqt li huma ddominati mir-Russja u/jew miċ-Ċina;
- Q. billi r-reġjun ġie integrat fl-inizjattiva "Medda Waħda, Rotta Waħda", u b'mod partikolari fil-"Medda Ekonomika tar-Rotta tal-Ħarir il-Ġdida", li jsaħħu l-importanza strateġika tiegħu;
- R. billi r-reġjun tal-Asja Ċentrali, filwaqt li jikkonsisti fir-repubbliki tal-Asja Ċentrali ta' dik li qabel kienet l-Unjoni Sovjetika, hu influwenzat ukoll b'mod sinifikanti mir-Russja, iċ-Ċina, il-Mongolja, l-Iran u l-Afganistan;

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-impenji tal-UE

1. Jisħaq fuq l-interess strateġiku, politiku u ekonomiku qawwi tal-UE fit-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali tagħha mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali kollha, abbażi ta' valuri komuni kondiviżi kif iddikjarat fil-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni eżistenti bejn l-UE u l-Każakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan u l-Uzbekistan u fil-ftehim, allavolja għadu ma daħalx fis-seħħ, mat-Turkmenistan;
2. Itenni l-interess qawwi tal-UE li l-Asja Ċentrali tkun prospera, paċifika, demokratika, stabbli u inklużiva, u li tiffunzjona bħala reġjun ekonomikament u ambjentalment sostenibbli, kif iddikjarat fl-istrateġija tal-2007;
3. Jindika li l-approċċ strateġiku adottat sal-lum biex isawwar ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali wera biss vijabilità u suċċess limitati; jirrikonoxxi li r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u l-pajjiżi mira tal-Istrateġija għall-Asja Ċentrali ma raw l-ebda espansjoni rilevanti, li l-għan ta' promozzjoni tal-kooperazzjoni u tal-integrazzjoni reġjonali bejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali permezz ta' skambju ta' esperjenza u t-trasferiment ta' standards min-naħa tal-UE jinsab wieqaf;
4. Jemmen li kwalunkwe progress konsiderevoli fl-oqsma msemmija f'din ir-riżoluzzjoni għad irid jinkiseb, iżda jesprimi t-tama li l-partijiet involuti, b'mod partikolari kemm l-UE u l-Istati Membri tagħha, u kemm il-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali, iwettqu sforzi serji biex jilhq u l-miri u l-għanijiet stabbiliti fid-dokumenti u t-trattati uffiċjali li jiffurmaw il-bażi legali tar-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali tal-Unjoni mal-Każakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan rispettivament;
5. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-Rieżami tal-Istrateġija UE-Asja Ċentrali li sar fl-2015 mis-SEAE, mill-Kummissjoni u mill-Kunsill; huwa tal-fehma, madankollu, li l-prijoritajiet, l-oġġettivi u l-miri għandhom jiġu allinjati b'mod aktar speċifiku għall-interessi, ir-reqwiziti u l-kundizzjonijiet qafas tal-istati sħab tal-Asja Ċentrali, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn il-pajjiżi fir-reġjun, u l-uniċità ta' kull wieħed, u għalhekk għandhom jiġu definiti b'mod aktar preċiż permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni individwali u mfassla speċifikament għall-pajjiżi individwali, u akkumpanjati minn punti ta' riferiment u indikaturi b'perjodu ta' żmien raġonevoli biex jitlestew, sabiex dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jiġu adattati b'aktar flessibilità għall-kundizzjonijiet qafas fir-reġjun, kemm jista' jkun malajr;
6. Jaqbel li l-Istrateġija adottata fl-2007 u l-oqsma ta' prijorità fit-tul definiti fiha (ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u d-demokratizzazzjoni; iż-żgħażaġh u l-edukazzjoni; l-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ u l-investiment; l-enerġija u t-trasport; is-sostenibilità ambjentali u l-ilma; it-theddid u l-isfidi ta' sigurtà komuni; u d-dialogo interkulturali) jibqgħu rilevanti u neċessarji għal impenn Ewropew konkret fir-reġjun, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-istrateġija tal-UE; jilqa', madankollu, l-approċċ aktar iffokat tar-rieżami tal-istrateġija;
7. Jieħu nota pożittiva tar-rieżami tal-istrateġija kemmxejn ambizzjuż; jaqbel mad-deżinjazzjoni tal-Kunsill tar-reġjun bħala wieħed strateġikament importanti, u għaldaqstant jaqbel li tissaħħaħ il-kooperazzjoni effikaċi dwar ir-relazzjonijiet politiċi, diplomatiċi u kummerċjali u biex jingħata appoġġ għal tranżizzjoni demokratika ġenwina; f'dan il-kuntest, jilqa' iż-żieda ta' 56 % u, l-iffokar aktar speċifiku tal-assistenza tal-UE għall-iżvilupp għar-reġjun għall-perjodu 2014-2020 meta mqabbel mal-perjodu preċedenti;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li r-rieżami ġie diskuss waqt il-laqgħa ministerjali UE-Asja Ċentrali li saret fil-21 ta' Diċembru 2015 f'Astana; jappoġġa l-organizzazzjoni ta' summit UE-Asja Ċentrali, biex jiġu promossi l-għanijiet tal-UE fir-reġjun u biex jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' tħassib u kooperazzjoni;

9. Jaqbel mal-fehma li approċċ differenzjat, kondizzjonali u bbażat fuq l-inċentivi għandu jiġi applikat sabiex jinkisbu riżultati aħjar kemm fil-livell bilaterali, kif ukoll f'dak reġjonali; jemmen li l-programmi reġjonali, bħal dawk għall-ġestjoni tal-fruntieri, għall-ġlieda kontra d-drogi u t-traffikar, u għat-trasport u l-enerġija, għandhom jittfasslu b'mod li jiffokaw fuq il-partijiet interessati, inklużi l-pajjiżi tar-reġjun usa' bħall-Afganistan, l-Iran, il-Mongolja jew l-Ażerbajġan;

10. Jistieden lill-UE tikkoopera b'mod aktar intensiv fuq bażi *ad hoc* ma' dawk il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali li jixtiequ jmorru lil hinn mill-Istrateġija tal-UE għall-Asja Ċentrali;

11. Jenfasizza li kooperazzjoni reġjonali msaħħa kieku ttejjeb is-sitwazzjoni ekonomika u dik tas-sigurtà fir-reġjun; peress li l-Asja Ċentrali għandha kollegamenti interreġjonali dgħajfa, jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni jiżviluppaw proġetti li jrawmu kooperazzjoni bħal din għal dawk il-pajjiżi interessati li jsaħħu dawk il-kollegamenti;

12. Jissottolinja li l-iżborż tal-fondi tal-UE għandu jkun ibbażat, biċ-ċar fuq l-inċentivi u l-prestazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-kisbiet fir-rigward ta' għadd ta' punti ta' riferiment li għandhom jiġu stabbiliti għal kull pajjiż, u li jkunu dipendenti fuq progress miżurabbli fir-rigward, b'mod partikolari, tal-oqsma tad-demokratizzazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, elezzjonijiet ħielsa u ġusti, id-drittijiet tal-bniedem, it-temma tat-traffikar tad-drogi, ir-rispett għar-regoli tax-xogħol, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, l-iżvilupp, is-sigurtà tal-bniedem u r-relazzjonijiet tajba ta' viċinat;

13. Jaqbel li l-parteċipazzjoni konkreta u kostruttiva u l-adozzjoni ta' riformi demokratiċi u ta' programmi governattivi jistgħu jitqiesu bħala indikaturi li jikkontribwixxu fis-suċċess f'diversi oqsma; minkejja dan, iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jibbażaw il-valutazzjonijiet tagħhom fuq il-fatti stabbiliti fuq il-post;

14. Itenni l-ħtieġa għal viżibilità politika ogħla għall-UE fir-reġjun tal-Asja Ċentrali; iħeġġeġ lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jtkellmu b'vuċi waħda, mingħajr in-negozjati bilaterali li spiss idgħajfu r-rekwiżiti tad-drittijiet tal-bniedem, u biex irawmu l-koerenza u l-koordinazzjoni tal-politika barranija fir-reġjun, u biex flimkien jintroduċu programmazzjoni konġunta għall-għajnuna u l-proġetti mal-Istati Membri sabiex jiksibu impatt u sinerġija sħaħ; iħeġġeġ lill-Kunsill/lis-SEAE/lill-Kummissjoni jadottaw pjan ta' azzjoni konkret b'punti ta' riferiment miżurabbli li jippermettu evalwazzjoni xierqa tal-progress li jsir fil-futur; jilqa' l-involvement aktar mill-qrib u s-sjieda min-naħa tal-Istati Membri f'termini tal-implimentazzjoni tal-istrateġija;

15. Jilqa' l-fatt li, wara nuqqas ta' sena, ġiet stabbilita mill-ġdid il-kariga ta' Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għall-Asja Ċentrali, u jistenna li li l-RSUE li għadu kif inħatar se jagħti kontribut importanti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u biex jisawwru r-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, billi jiżgura l-konsistenza tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni fir-reġjun u jikkomunika l-pożizzjonijiet tal-UE lill-mexxejja politiċi u s-soċjetajiet fl-Asja Ċentrali;

16. Jitlob lill-RSUE biex jiffoka fuq it-tisħiħ tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, waqt li jippromwovi l-kooperazzjoni reġjonali u jiffaċilita d-djalogu u r-riżoluzzjoni paċifika ta' kwistjonijiet kontenzjużi pendenti, jiżviluppa kuntatti mhux biss mal-gvernijiet u l-parlamenti iżda anke mas-soċjetà ċivili u l-midja, jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-konflitti u jippromwovi s-sigurtà reġjonali, u jippromwovi ġestjoni soda tal-ambjent u t-tibdil fil-klima, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ilma u r-riżorsi tal-idrokarburi; jitlob lill-RSUE jirrapporta bil-fomm u bil-miktub lill-Parlament dwar l-isfidi ewlenin, skont l-Artikolu 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-mandat tar-Rappreżentant;

17. Jitlob lis-SEAE, lill-Kummissjoni u lill-RSUE biex jagħmlu l-preżenza tal-UE aktar prominenti fl-Asja Ċentrali, b'mod li jiżguraw viżibilità akbar għall-UE fost il-popolazzjoni, is-soċjetà ċivili, il-midja lokali u l-komunitajiet kummerċjali u universitarji; iħeġġeġ lis-SEAE biex jibbilanċja d-diplomazija kwieta b'żieda fid-diplomazija pubblika;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

18. Jitlob lis-SEAE jipprovi analiżi regolari dwar l-Asja Ċentrali, filwaqt li jqis il-viċinat varjat tar-reġjun u bl-inklużjoni ta' kwistjonijiet li jmissu mal-integrazzjoni tal-Afganistan u l-Iran u billi joffri approċċ komprensiv għall-Baħar Kaspju;

19. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura sinerġiji, koerenza u konsistenza bejn il-miżuri meħuda minn organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-OSKE, l-Uffiċċju tan-NU dwar id-Drogi u l-Kriminalità (UNODC), il-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM), kif ukoll bejn l-istrumenti ta' finanzjament estern differenti tal-UE li qed jintużaw fir-reġjun, bħal pereżempju d-DCI (strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp), l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi (ISP), l-EIDHR u l-Istrument ta' Sħubija (PI), kif ukoll biex issaħħaħ il-koordinazzjoni mal-BERŻ u l-BEI;

20. Jistieden lill-UE tikkoopera mal-proġetti ta' għajnuna u żvilupp tal-Istati Uniti fl-oqsma tal-ambjent, l-edukazzjoni u l-politika dwar il-klima, bl-għan li jtejbu l-effikaċja u li flimkien jilħqu pubbliku usa';

21. Jappella għal kooperazzjoni aktar stretta bejn l-UE u l-OSKE dwar l-Asja Ċentrali, speċjalment fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokratizzazzjoni u s-sigurtà, bil-għan li jgħaqqdu u jikkomplementaw, fejn xieraq, l-isforzi tagħhom fir-reġjun;

22. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-UE fl-Asja Ċentrali jisfruttaw kompletament il-potenzjal tagħhom biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE, b'mod partikolari rigward l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-involvement fil-konfront tagħha;

23. Jappoġġa l-kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni interparlamentari, u jevidenzja r-rwol tad-delegazzjoni permanenti tiegħu għar-relazzjonijiet mar-reġjun fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-FSKs mal-pajjiżi tar-reġjun;

Id-demokratizzazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt

24. Iħeġġeġ lill-Kunsill, lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex jagħtu importanza kbira u jinvolvu ruħhom b'mod proattiv fil-promozzjoni u t-tisħiħ tad-demokrazija, l-infurzar tad-drittijiet ċivili, id-drittijiet politiċi u d-drittijiet tal-bniedem, inklużi dawk kodifikati fil-Patt Soċjali tan-NU, l-istabbiliment tal-istat tad-dritt, u l-governanza tajba u l-azzjoni amministrattiva fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, biex b'hekk iqiegħdu s-sisien għas-sigurtà u l-stabilità, għall-istabbiliment ta' soċjetajiet miftuħa fil-pajjiżi kkonċernati, u, bħala riżultat, għall-forniment tal-aħjar Prattiki biex jiffaċċjaw il-pressjonijiet u l-isfidi esterni u interni għall-oqsma politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi;

25. Jenfasizza li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija għandhom ikunu fil-qalba tal-istrateġija tal-UE fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni prevista fl-FSKs, u dan jinvolvi l-applikazzjoni tal-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija; jiddispjaċih li l-obbligi ġuridiċi mogħtija fl-FSKs biex jiddefendu d-demokrazija u l-istat tad-dritt ma ġewx implimentati kif xieraq, bl-eċċezzjoni ta' xi progress li sar fil-Kirgiżistan;

26. Jiddispjaċih li r-rispett ġenerali għall-istandards demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali għadu ma laħaqx livell aċċettabbli; jiddispjaċih li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tibqa' ġeneralment waħda preokkupanti, iżda jenfasizza li madankollu kien hemm żviluppi pożittivi limitati f'xi pajjiżi tar-reġjun, inklużi riformi leġiżlattivi, aktar sforzi għall-prevenzjoni tat-tortura, u passi 'l quddiem lejn il-qerda tat-tħaddim tat-tfal u x-xogħol furzat;

27. Jevidenzja l-valur miżjud u l-potenzjal ulterjuri tal-Pjattaforma għall-Istat tad-Dritt, ikkoordinata mill-Ġermanja u Franza b'appoġġ attiv mill-Finlandja u l-Latvja, biex ġew organizzati diversi avvenimenti relatati mal-liġi kostituzzjonali u amministrattiva u mat-taħriġ tal-imħallfin; iħeġġeġ lill-Istati Membri l-oħra biex iwettqu rwol aktar proattiv f'dan ir-rigward; jinsisti, madankollu, li l-pjattaforma għandha tissaħħaħ biex tkopri kwistjonijiet reali ta' demokratizzazzjoni u ta' drittijiet tal-bniedem; jappella għall-involvement sħiħ u kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili fir-rigward ta' din il-pjattaforma; jistieden lill-UE u l-ambaxxati tal-Istati Membri biex jsostnu lis-sħab ġenwinament indipendenti u mhux governattivi;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

28. Jiġbed l-attenzjoni għad-diskrepanzi eżistenti bejn l-adozzjoni tal-liġijiet u l-implimentazzjoni fil-prattika tagħhom, u li jwasslu għal evalwazzjoni żbaljata tal-progress; iħeġġeġ lis-SEAE/Kummissjoni biex jevalwaw il-progress fuq il-bażi ta' riżultati prattiċi reali, aktar milli fuq valutazzjonijiet ibbażati fuq il-leġiżlazzjoni u dikjarazzjonijiet;
29. Jirrakkomanda li l-UE tadatta aħjar il-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istrumenti ta' finanzjament estern tagħha, billi żżomm l-idea ta' riforma demokratika fit-tul u konsistenti biex tigwidaha;
30. Jikkundanna bil-qawwa l-persekuzzjoni kontinwa tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, ta' politiċi tal-oppożizzjoni u ta' ġurnalisti fit-Turkmenistan, l-Użbekistan, it-Taġikistan, il-Każakistan, il-Kirġizistan, u jstieden lis-SEAE juża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex jaġixxi malajr fid-difiża tagħhom;
31. Jikkundanna t-tqegħid fil-mira tar-rappreżentanti tal-oppożizzjoni eżiljati minn xi reġimi tal-Asja Ċentrali, inkluż il-qtil u l-abbuż tal-proċeduri ta' estradizzjoni permezz tal-Interpol; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu protezzjoni aħjar u jevitaw id-deportazzjoni tagħhom skont il-prinċipju tan-non-refoulement, li jipprojbixxi l-konsenja ta' vittima ġenwina ta' persekuzzjoni lill-persekuttur tagħha;
32. Iħeġġeġ lis-SEAE, f'dan ir-rigward, biex jagħmel dikjarazzjonijiet ċari li jikkundannaw il-passi ripressivi meħuda mir-reġimi tal-Asja Ċentrali fisem il-preservazzjoni tas-sigurtà pubblika, filwaqt li jirrikonoxxi t-tħassib leġittimu dwar is-sigurtà;
33. Jistieden lill-Kunsill, lis-SEAE u lill-Kummissjoni, sabiex matul l-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet, iħeġġu lis-sħab tal-Asja Ċentrali jirratifikaw l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali mill-aktar fis possibbli, u japprovaw u jimplimentaw l-istandards fundamentali tal-ILO u r-regoli oħrajn tal-ILO li għadhom pendenti;
34. Jifhem ir-riskju għas-sigurtà maħluq minn ġellieda barranin li kienu qed jiġġieldu flimkien ma' Da'esh u li jirritornaw, iżda jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar it-tendenza dejjem tikber ta' ripressjoni fuq is-soċjetà ċivili u l-partiti tal-oppożizzjoni bl-iskuża tas-sigurtà u l-istabilità, li hu fl-ebda każ ma jikkunsidra li hi tweġiba xierqa għal din it-theddida, inkluż permezz ta' akkużi dubjużi ta' attività terroristika jew akkużi vagi ta' inċitament lejn il-mibegħda soċjali, l-adozzjoni tal-hekk imsejħa "liġijiet dwar aġenti barranin", li jstigmatizzaw u jillimitaw l-attivitàjiet leġittimi tal-NGOs li jirċievu finanzjament barrani, u l-użu akbar ta' monitoraġġ, sorveljanza, ċensura u teknoloġiji ta' filtrazzjoni; ifakkar lill-pajjiżi sħab li demokrazija li taħdem bis-sħiħ għandha tirrispetta il-libertà tal-espressjoni u l-pluralità tal-midja; jenfasizza f'dan il-kuntest li s-soppressjoni tal-espressjoni libera ta' opinjonijiet bl-ebda mod ma tikkontribwixxi għal stabilità interna sostnuta; jenfasizza li l-għodod rilevanti tal-UE, bħal pereżempju t-tweqqif ta' seminars regolari mal-pubbliku ġenerali u t-tkattir tal-iskambji, għandhom jikkontribwixxi biex isaħħu l-pożizzjoni tal-pubbliku, u li ħafna mill-komunitajiet ikkonċernati huma aktar inklinati fil-preżent biex iserrħu fuq ir-relazzjonijiet bejn il-gruppi u t-tribujiet jew in-netwerks ikkontrollati mill-klassijiet privileġġjati;
35. Jistieden lill-pajjiżi tar-reġjun biex jikkunsidraw il-preżenza ta' NGOs internazzjonali mhux bħala waħda ta' theddida iżda bħala benefiċċju għas-soċjetà, u biex jagħtuhom aċċess sħiħ għall-ħabsijiet sabiex tittejjeb it-trasparenza tal-infurzar ta' sanzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-koperazzjoni mal-aġenziji kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar;
36. Jinsab imħasseb dwar in-numru dejjem akbar ta' liġijiet fil-pajjiżi tar-reġjun li jirrestrinġu l-libertà tal-midja, il-libertà tal-espressjoni u l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni, u li huma mmirati lejn il-finanzjament tas-soċjetà ċivili (il-liġijiet dwar "aġenti barranin"), u l-komunità LGBTI (il-liġijiet dwar "propaganda LGBTI"); iqis f'dan il-kuntest li, minbarra li tippromwovi l-libertajiet imsemmija, l-UE għandha wkoll tipprijoritizza l-promozzjoni tal-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin u d-drittijiet tan-nisa, tal-minorenni u tal-minoranzi;
37. Jistieden lill-awtoritajiet jwettqu aktar sforzi biex jipproteġu l-minoranzi etniċi u reliġjużi u l-persuni LGBTI fis-soċjetajiet tal-Asja Ċentrali, itemmu d-diskriminazzjoni kontribhom, u jinforzaw id-drittijiet ta' persuni vulnerabbli, b'mod partikolari l-persuni b'diżabilità;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

38. Ifakkar li l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal huma fost l-għanijiet ewlenin tal-UE, u jappella lill-awtoritajiet biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tagħhom f'konformità mad-dritt u l-istandards internazzjonali, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal;

39. Jilqa' t-twaqqif tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma' kull wieħed mill-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali; jindika, madankollu, in-nuqqas ta' trasparenza fil-proċess, u jstieden lill-VP/RGħ biex teżamina mill-ġdid ir-rwol, il-mandat, l-oġettivi u s-segwitu tad-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem mal-pajjiżi tar-reġjun, u biex b'mod partikolari tinvolvi lill-partijiet interessati kollha, inklużi l-movimenti politiċi reformisti Iżlamiċi li huma kontra l-estremiżmu, u biex tintroduċi mekkaniżmi ta' monitoraġġ sistematiku tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll pjanijiet ta' kontinġenza sabiex titjieb l-effikaċja ta' dawk il-mekkaniżmi f'każ li jiżvelaw nuqqasijiet serji; jinnota li d-Djalogi dwar id-Drittijiet tal-Bniedem huma għodda importanti ta' involviment min-naħa tal-UE mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, li tippermetti l-implimentazzjoni ta' strateġiji intelliġenti, u għalhekk għandhom jintużaw b'mod adegwat; jappella biex dawn id-djalogi jsiru jiffurmaw parti minn involviment komprensiv fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fir-reġjun; jappella, f'dan ir-rigward, sabiex it-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem jitqajjem u jitwassal fil-livelli kollha, inkluż fil-livell tal-kapijiet ta' stat u ta' gvern; iħeġġeġ lill-UE tqajjem każijiet konkreti individwali b'mod koerenti u pubbliku;

40. Jisħaq fuq l-importanza tal-mekkaniżmu ta' Rieżami Perjodiku Universali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU fl-implimentazzjoni effikaċi tal-protezzjoni għad-drittijiet tal-bniedem, tal-proċess ta' demokratizzazzjoni u tal-istat tad-dritt fit-Turkmenistan, l-Uzbekistan, it-Taġikistan, il-Każakistan u l-Kirgiżistan;

41. Ifakkar lill-gvernijiet tal-Asja Ċentrali dwar l-impenji tagħhom fi ħdan id-dimensjoni umana tal-OSKE;

42. Jilqa' l-istqarrijiet li s-Segretarju Ġenerali tan-NU, Ban Ki-moon, għamel waqt iż-żjara tiegħu fir-reġjun f'Ġunju 2015, fejn wissa kontra t-tiċkin kontinwu tal-isparju demokratiku;

43. Jinnota li prattikament ma hemm l-ebda koordinament bejn l-azzjonijiet tal-UE u tal-Istati Uniti fl-Asja Ċentrali; iħeġġeġ il-ħolqien ta' rabtiet ta' kooperazzjoni aktar prattiċi; jemmen li l-azzjoni konġunta tista' tkun ta' benefiċċju, speċjalment f'oqsma bħalma huma s-sigurtà tal-bniedem u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

Id-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri

44. Jirrikonoxxi li, waqt li l-Uzbekistan, il-Każakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan u t-Turkmenistan jiffaċċjaw sfidi separati fit-titjib tad-drittijiet tal-bniedem, ir-reġjun jiffaċċja sfidi komuni fir-rigward tal-indirizzar u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn is-sessi;

45. Jinnota li, minkejja li l-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali kollha rratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), il-kultura tagħhom għadha patrijarkali u ddominata mill-irġiel, għadhom jeżistu inugwaljanzi sinifikanti bejn l-irġiel u n-nisa f'ħafna oqsma, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni ogħla, partijiet mis-suq tax-xogħol u l-protezzjoni legali u d-drittijiet, u l-vjolenza kontra n-nisa għadha mifruxa f'ħafna partijiet tal-Asja Ċentrali u għandha ħafna forom, inklużi l-vjolenza domestika, is-sekwestru tal-għarus, it-traffikar, iż-żwieġ bikri u l-abbuż fiżiku; jappella lill-ħames pajjiżi biex jimplementaw għalkollox is-CEDAW; itenni li l-appoġġ mogħti mill-UE jeħtieġ li jinkludi miżuri speċifiċi biex tiġi eliminata d-diskriminazzjoni kontra n-nisa;

46. Jinnota li n-nisa jiżvolġu rwol sħiħ u kruċjali fil-produzzjoni agrikola u l-biedja fil-pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali, u li s-sehem medju tan-nisa impjegati fis-settur agrikolu hu ta' 58%⁽¹⁾; jstieden lill-pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali biex jinkoraġġixxu l-impjeg tan-nisa u l-intraprenditorija fost in-nisa, b'mod partikolari fiż-żoni rurali; jappella sabiex id-drittijiet ekonomiċi u soċjali u l-emanċipazzjoni tat-tfalijiet u n-nisa jiġu promossi u mmonitorjati bħala oġettiv ewleni tar-relazzjonijiet tal-UE mar-reġjun;

⁽¹⁾ Statistika tal-Bank Dinji 2012

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

47. Jirrikonoxxi l-passi pożittivi meħuda minn pajjiżi individwali tal-Asja Ċentrali favur l-ugwaljanza bejn is-sessi, bħall-emendi għall-Artikoli 154 u 155 tal-Kodiċi Kriminali tal-Kirgiżistan, li daħal fis-seħħ fi Frar 2014 u ħarrax il-penali għall-użanza tas-sekwestru tal-għarusa, li hi mifruxa ħafna; jinnota, madankollu, li l-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi madwar ir-reġjun għadhom ta' sfida; jappella lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fl-iżvilupp tal-aġendi tagħhom dwar id-drittijiet tan-nisa bil-ħsieb li tiġi żviluppata u tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi u li jiġi żgurat li kulħadd, inklużi dawk il-membri l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà, ikun jista' jgawdi bis-ših id-drittijiet tal-bniedem tiegħu;

48. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġa l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fl-iżvilupp tal-aġendi tagħhom dwar id-drittijiet tan-nisa u jappella għal implimentazzjoni aktar effikaċi ta' din l-istrateġija; jiddispaċiħ dwar in-nuqqas ta' rappreżentanza femminili fil-korpi pubbliċi għat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kazakistan minkejja li kwota ta' 30 % hija legalment meħtieġa fl-istituzzjonijiet politiċi;

49. Jitlob lis-SEAE, fi ħdan ir-rieżami tal-Istrateġija tiegħu għall-Asja Ċentrali u f'konformità mal-prijoritajiet tiegħu għall-2016-2020 u l-progress li diġà sar minn pajjiżi tal-Asja Ċentrali, biex jistabbilixxi Pjan ta' Azzjoni komprensiv dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, b'azzjonijiet konkreti biex jittejbu d-drittijiet tan-nisa u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tan-nisa; iqis li kull pajjiż tal-Asja Ċentrali għandu jiġi mħeġġeġ biex jadotta leġiżlazzjoni li tipprojbixxi espliċitament il-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni kontra n-nisa, inkluż l-abbuż sesswali, fiżiku, fiżjoloġiku u ekonomiku, li ma jhalluomx jaħdmu jew ikollhom aċċess għal kontijiet bankarji, karti ta' kreditu jew trasport, fost tattiki iżolanti oħrajn; jindika li s-sigurtà finanzjarja hi l-fattur ewlieni li jbassar jekk vittma ta' vjolenza domestika tkunx se teħles lilha nnifisha u tibqa' ħielsa minn aktar abbuż; jistieden lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex jitrattaw il-vjolenza kontra n-nisa bħala reat kriminali, biex jinvestigaw kif xieraq kull każ irrappurtat u biex jimplimentaw miżuri li jiggerantixxu l-protezzjoni, l-assistenza u l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi, flimkien ma' mekkaniżmi sabiex ikun żgurat l-infurzar tal-liġi; jinnota li l-industrija tal-aġenziji taż-żwieġ hija relattivament sinifikanti fl-Asja Ċentrali u jitlob li l-pajjiżi fir-reġjun jikkunsidraw ir-regolamentazzjoni ta' dawn l-aġenziji sabiex jiproteġu kemm jista' jkun lin-nisa vulnerabbli mill-isfruttament; jistieden lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali biex jorganizzaw kampanji edukattivi dwar id-dritt li wieħed jgħix ħieles mill-vjolenza u inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni għas-soċjetà kollha kemm hi, u speċjalment għall-mexxejja reliġjużi, dwar il-ħtieġa assoluta li jinkiseb il-kunsens taż-żewġ partijiet għaċ-ċerimonji taż-żwieġ;

50. Jinnota li hemm differenza bejn il-liġi u r-realtà u li, filwaqt li xi pajjiżi għandhom kodiċi ġuridiku li jiggerantixxi d-drittijiet ugwali fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-proprjetà, id-diskriminazzjoni għadha tippersisti favur l-eredi maskili; jinsab imħasseb dwar il-fatt li n-nuqqas ta' reġstrazzjoni legali taż-żwieġijiet fit-Taġikistan iħalli lin-nisa f'pożizzjoni partikolarment vulnerabbli wara d-divorzju, peress li r-riċerka tal-OSKE wriet li, minħabba dan, 80 % tan-nisa f'kawżi ta' divorzju jiġu mċaħħda mid-drittijiet tal-proprjetà u l-assistenza għat-tfal;

51. Iħeġġeġ lill-UE biex tappoġġa lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu biex jiddefendu d-drittijiet tal-bniedem u jippromwvu l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u biex tikkoopera b'mod attiv mal-organizzazzjonijiet internazzjonali involuti fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi, pereżempju l-ILO, l-OECD, u n-NU, bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji li jservu għall-emanċipazzjoni tan-nisa;

52. Jinnota li f'karigi ministerjali hemm rappreżentanza femminili baxxa ħafna, u fl-2015 kienu jirrappreżentaw il-15 % u l-5,7 % minnhom rispettivament fil-Kirgiżistan u t-Turkmenistan ⁽¹⁾; iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u lill-Kummissjoni biex jiffokaw ukoll fuq l-involvement tan-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet, b'mod partikolari fl-isfera politika, u jirrakkomanda li tiġi introdotta sistema ta' kwoti biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa, primarjament bħala kandidati għal karigi pubbliċi;

53. Jistieden lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jippromwvu l-aċċess ugwali għat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni sabiex jiġi żgurat il-potenzjal tan-nisa biex iqanqlu t-tkabbir fl-ekonomiji lokali u globali;

⁽¹⁾ Statistika tal-Bank Dinji fuq il-perjodu ta' ħames snin 2011-2015.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

54. Jirrakkomanda li l-persunal ġudizzjarju jiġi mgħarraf u mħarreġ dwar kwistjonijiet ta' ugwaljanza bejn is-sessi, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkastigati l-persuni li jwettqu vjolenza bbażata fuq is-sess;

55. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu organizzati korsijiet ta' taħriġ dwar il-vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuturi u l-persunal ġudizzjarju, u li jiġu stabbiliti ċentri aċċessibbli u rifugi li joffru appoġġ legali u psikoloġiku għall-vittmi;

56. Jenfasizza l-importanza ta' finanzjament xieraq tal-istituzzjonijiet u tal-korpi responsabbli biex jimplimentaw il-politiki ta' ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiżguraw l-awtonomija u l-finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur id-drittijiet tan-nisa.

L-edukazzjoni u ż-żgħażaġh – l-iskambji interpersonali

57. Jisħaq fuq il-fatt li l-edukazzjoni hija waħda mill-oqsma ewlenin li l-UE tuża għall-mobilizzazzjoni tal-azzjoni fit-tul tagħha fl-Asja Ċentrali; iqis l-edukazzjoni bħala pilastru kruċjali tal-integrazzjoni u faċilitatur tal-iżvilupp demokratiku, ekonomiku u soċjali għall-pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali; jappoġġa l-ħidma mwettqa mill-Pjattaforma għall-Edukazzjoni tal-Asja Ċentrali permezz ta' programmi edukattivi u istituzzjonali li jipprovdu appoġġ tekniku u djalogu permezz ta' seminars (bħal Bishkek 2014); f'dan ir-rigward, jilqa' l-inizjattiva tal-Latvja biex torganizza l-ewwel laqgħa ministerjali UE-Asja Ċentrali dwar l-edukazzjoni u l-impenn tal-Latvja u tal-Polonja li jmexxu l-programm reġjonali dwar l-edukazzjoni, wara d-diżappunt li rriżulta mill-fatt li xi Stati Membri għamlu żmien twil mhux lesti biex jagħmlu dan; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jikkontribwixxu b'mod attiv għall-implimentazzjoni tal-oġettivi rispettivi li tressqu matul il-Presidenza Latvjana fl-ewwel semestru tal-2015; iqis li l-investment f'edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità hu l-aħjar mod biex titjeb is-sitwazzjoni soċjoekonomika tar-reġjun;

58. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqasijiet identifikati tal-Pjattaforma għall-Edukazzjoni UE-Asja Ċentrali, bħal aċċess għus għall-edukazzjoni, il-problemi relatati mal-“eżodu ta' mħuħ”, u t-taħriġ ta' gruppi żvantaġġati u vulnerabbli, bħall-bniet, it-tfal b'diżabilità u t-tfal li jappartjenu għal minoranzi;

59. Ihegġegħ lill-UE biex tiddedika aktar attenzjoni lill-promozzjoni ta' edukazzjoni ta' kwalità fost iż-żgħażaġh fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, minħabba l-effetti pożittivi f'termini ta' inklużjoni soċjali, koeżjoni soċjali u stabbiltà, u l-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u sostenibbli, u bħala l-aħjar forma ta' prevenzjoni kontra l-estremiżmu vjolenti u r-radikalizzazzjoni fost iż-żgħażaġh fir-reġjun; iqis din bħala prijorità, minħabba l-isfida demografika ta' “youth bulge” (ammont sproporzjonat ta' żgħażaġh fil-popolazzjoni), fejn dawk fl-età ta' 14-il sena jew inqas ikunu jirrappreżentaw 25-35 % tal-popolazzjoni; jitlob li tingħata aktar attenzjoni lill-proġetti transkonfinali għar-rikonċiljazzjoni u l-iżvilupp interkulturali fil-Wied ta' Ferghana;

60. Jilqa' ż-żieda fir-reġistrazzjonijiet skolastiċi kemm fil-livell primarju, kif ukoll f'dak sekondarju, u jinnota l-importanza li jitkompla dan il-proċess; Jilqa' l-fatt li hemm kważi parità fl-għadd ta' nisa u rġiel li jtemmu l-iskola primarja u sekondarja; jissottolinja l-importanza li n-nisa jkollhom aċċess għal taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni universitarja, b'mod partikolari fl-Uzbekistan u fit-Taġikistan, fejn għad hemm diskrepanza sinifikanti bejn l-għadd ta' nisa u rġiel reġistrati fl-edukazzjoni terzjarja;

61. Jenfasizza l-importanza li n-nisa jkollhom aċċess għal taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni universitarja, inkluż rata akbar ta' nisa li jagħżlu l-oqsma tax-xjenza u t-teknoloġija, u jhegġegħ lill-RSUE biex ihegġegħ inċentivi f'dan il-qasam; iqis li l-UE għandha tintensifika l-azzjoni tagħha f'dan il-qasam, pereżempju billi torganizza korsijiet ta' taħriġ għall-għalliem u tipprovdi materjal edukattiv; jappella biex jittieħdu passi favur il-modernizzazzjoni tas-settur tal-edukazzjoni pubblika, il-promozzjoni tal-iskambji akkademiċi internazzjonali u l-faċilitazzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa b'termini ugwali; iqis li għandhom jitfasslu korsijiet ta' taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għal professjonisti fl-edukazzjoni;

62. Iqis li għandha ssir promozzjoni tar-rwol pożittiv tal-UE fir-reġjun permezz tal-edukazzjoni u l-kuntatti interpersonali; ifakkar fl-importanza tal-programmi ta' skambju internazzjonali tal-UE, bħal Erasmus+, Erasmus Mundus u Erasmus Tempus, fil-promozzjoni ta' mobilità pożittiva u djalogu interkulturali bejn l-UE u l-Asja Ċentrali u fl-għoti ta'

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

opportunitajiet għall-awtonomizzazzjoni tal-istudenti li jibbenefikaw mill-programmi, biex b'hekk jitqarribu ż-żewġ kulturi; ifaħħar il-fatt li l-UE bbaġitjat EUR 115-il miljun għall-programm ta' kooperazzjoni edukattiva Erasmus+ fir-reġjun; jistieden lill-partijiet interessati kollha, fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fl-Istati Membri, biex jevalwaw u jsaħħu l-mekkaniżmi eżistenti tal-programmi jew boroż ta' studju u l-iskambji għall-professionisti żgħażaġh bejn l-UE u r-reġjun tal-Asja Ċentrali, speċjalment fit-teknoloġija u x-xjenzi applikati;

63. Jilqa' l-fatt li l-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali segwew mill-qrib il-proċess ta' Bolonja, li wassal għal għadd kbir ta' riformi nazzjonali tul dawn l-aħħar snin;

64. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-parteċipazzjoni ta' xjenzati, istituzzjonijiet u negozji tal-Asja Ċentrali fi proġetti kollaborattivi ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati taħt il-programm Orizzont 2020;

L-integrazzjoni ekonomika, il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli

65. Jinnota l-karatteristiċi komuni li jirriżultaw minn storja aktar antika, inklużi dik tar-Rotot tal-Ħarir, il-kolonizzazzjoni mit-tribujiet Turki u l-miġja tal-Iżlam; jinnota wkoll li l-ħames pajjiżi fir-reġjun jinsabu fi stadji differenti tal-iżvilupp tagħhom, jiġifieri: il-Każakistan qed jiżviluppa f'attur fundamentali fir-reġjun, pajjiż fejn ir-relazzjonijiet mal-UE qed javvanzaw sew; il-Kirgiżistan u t-Taġikistan huma ferm ifqar, iżda relattivament miftuħa, b'ċertu livell ta' parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili; ir-relazzjoni tal-UE mal-Uzbekistan qed tiżviluppa wkoll; iżda t-Turkmenistan għadu l-iktar pajjiż magħluq fir-reġjun, mingħajr soċjetà ċivili indipendenti effettiva;

66. Jirrimarka l-fatt li hemm ukoll diversità konsiderevoli fir-reġjun, speċjalment fir-rigward tar-riżorsi naturali bħall-karburanti fossili u r-raba' u, parzjalment b'konsegwenza ta' dan, tal-livelli ta' żvilupp ekonomiku u uman attwali fil-pajjiżi; jisħaq fuq l-importanza li jiġu kkunsidrati, minn naħa, id-differenzi kulturali fi ħdan ir-reġjun u, min-naħa l-oħra, l-interdipendenza fost il-pajjiżi;

67. Jirrikonoxxi l-impatt pożittiv possibbli ta' impetu għdid fil-kooperazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Asja Ċentrali dwar il-modernizzazzjoni u d-demokratizzazzjoni fir-reġjun;

68. Jemmen li d-diversifikazzjoni ekonomika fir-reġjun tippovdi valur miżjud f'termini ta' żvilupp reġjonali, ta' stabbiltà u ta' sigurtà, b'kunsiderazzjoni tal-bilanċ soċjali, ekonomiku u ambjentali; iqis li huwa essenzjali li tiġi modernizzata u żviluppata infrastruttura sostenibbli fl-oqsma tat-trasport u tal-enerġija domestiċi, speċjalment fiż-żoni rurali, li jittjieb l-aċċess għall-internet b'veloċità għolja u jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-konnettività interreġjonali; hu tal-fehma li r-riabilitazzjoni ambjentali u l-iżvilupp sostenibbli għandhom ikunu ndaq b'ħala prijoritajiet fil-kuntest tal-iżvilupp tar-reġjun, u jisħaq fuq l-importanza tal-kummerċ biex jippromwovi t-tnejn li huma; jiffavorixxi żieda fl-appoġġ tal-UE għall-ġestjoni tar-riżorsi fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u jħeġġeġ il-kooperazzjoni transkonfinali bejniethom;

69. Jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' żvilupp soċjoekonomiku, li qiegħed imblukkat u mhux konsistenti, in-nuqqas ta' trasparenza statali u l-korruzzjoni konsegwenti, il-governanza fqira, il-qafas istituzzjonali dgħajef, in-nuqqas ta' rispett għall-istat tad-dritt u l-livell baxx ta' parteċipazzjoni min-naħa tas-soċjetà ċivili, li jinkoraġġixxu l-klijenteliżmu u jaggrawaw il-problemi ta' korruzzjoni u nuqqas ta' effiċjenza statali;

70. Jissottolinja l-importanza dejjem tikber tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-Asja Ċentrali, fejn l-UE issa saret is-sieħeb kummerċjali ewlieni fir-reġjun; jisħaq fuq il-hteġa li l-UE tintensifika ulterjorment ir-relazzjonijiet tagħha ta' kummerċ u ta' investiment mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali; jindika, f'dan ir-rigward, il-hteġa li l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jsaħħu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fil-promozzjoni ta' ambjent stabbli sabiex jattiraw l-investiment barrani;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

71. Hu tal-opinjoni li r-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jridu javvanzaw id fid mal-istat tad-dritt, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u qatt għad-detriment tagħhom; ifakkar, għal dan l-għan, fl-importanza li jiġu attivati d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-klawżoli rilevanti tal-ftehimiet kummerċjali firmati mal-UE fil-każ li l-parti kontraenti l-oħra tikser id-drittijiet tal-bniedem;

72. Jindika li żvilupp ekonomiku inklużiv u sostenibbli hu fost il-prijoritajiet fundamentali tal-Istrateġija; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jippromwovu politiki attivi mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar u l-għieda kontra l-esklużjoni soċjali; jinnota l-impatt negattiv profund fuq ir-reġjun tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku fir-Russja u ċ-Ċina, kif ukoll tat-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali u l-kunflitt fl-Ukrajna; jissottolinja, f'dan ir-rigward, li l-andament ekonomiku li qed jiddeterjora b'riżultat tat-tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi, l-iżvalutazzjoni tar-rublu u t-tnaqqis fir-rimessi minn migranti fir-Russja, li ħafna minnhom issa sejr in lura darhom f'sitwazzjoni ta' qgħad, huma sfidi soċjoekonomiċi serji għar-reġjun; jinnota, f'dan il-kuntest, li hu mistenni li r-rata ta' tkabbir tar-reġjun fil-perjodu wara l-2014 se tkun bejn wieħed u ieħor nofs ir-rata medja għall-għaxar snin preċedenti;

73. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi li jiffaċilitaw ir-reintegrazzjoni soċjali u l-impjeg tal-persuni li jirritornaw minn barra u djalogu aktar qawwi dwar il-migrazzjoni u l-mobilità;

74. Jissottolinja l-ħtieġa għal strateġija UE-Asja Ċentrali li ma tkunx ibbażata fuq interessi ġeostrateġiċi iżda titfassal biex tiżviluppa soċjetà parteċipattiva u demokratika, ikkaratterizzata mil-libertà ta' assoċjazzjoni għat-trade unions u minn soċjetà ċivili attiva, u biex tagħti spinta għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni tan-nisa, speċjalment fl-inħawi rurali;

75. Jisħaq fuq il-fatt li, minkejja t-tkabbir ekonomiku rapidu li seħħ f'dawn l-aħħar snin, ir-reġjun qed jaffaċċja rati għolja ta' faqar, inugwaljanza għolja fl-introjti u tnaqqis fl-istennija tal-għomor, speċjalment fl-inħawi rurali, fejn tgħix 80-90 % tal-popolazzjoni; jisħaq fuq il-fatt li l-proċess ta' privatizzazzjoni matul it-tranżizzjoni ekonomika, fil-biċċa l-kbira, ħalla warajh lir-reġjuni tal-muntanji; jenfasizza li n-nisa f'dawk ir-reġjuni huma partikolarment milquta, peress li bosta rġiel jemigraw lejn il-bliet biex ifittxu impjeg u jħallu lin-nisa bil-piż kollu tax-xogħol agrikolu u tar-responsabilitajiet familjari;

76. Jevidenzja l-importanza li l-Istrateġija ssir konsistenti mal-impenji globali, b'mod partikolari mal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli għall-2030, kif ġiet adottata fil-25 ta' Settembru 2015 fis-Summit tan-NU dwar l-Iżvilupp Sostenibbli;

77. Jinkoraġġixxi l-integrazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-politiki u l-azzjonijiet predominanti tal-aġenda tal-UE għall-iżvilupp fir-reġjun; itenni li l-inklużjoni tal-SDGs se tirriżulta fi żvilupp sostenibbli aktar komprensiv fir-reġjun tal-Asja Ċentrali;

78. Jisħaq fuq l-importanza li l-UE taħtaf l-opportunità tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex tippromwovi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tikseb l-SDGs, b'mod li jiżdedu l-livelli tal-kummerċ u tal-investment fil-pajjiżi kollha fir-reġjun u jissaħħu r-rwol u l-involvement tas-sħab soċjali fis-soċjetà ċivili;

79. Hu tal-opinjoni li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha titħallas biss fil-pajjiżi b'impenn ġenwin favur il-mitigazzjoni tal-faqar, progress soċjoekonomiku ugwali u sostenibbli u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, u li jeħtieġ li daww il-pajjiżi juru li l-politiki tagħhom kontra l-korruzzjoni huma effikaċi u jippermettu li l-UE tissorvelja l-implimentazzjoni tal-isforzi korrispondenti; jikkontesta, f'dan ir-rigward, il-motivazzjoni u l-kost-effikaċja tal-għajnuna mogħtija lit-Turkmenistan u l-Użbekistan; jitlob li l-politika tiġi eżaminata mill-ġdid fil-każ li jsir titjib; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ biex tgħin trawwem il-progress f'dan il-qasam; jiddispaċih li, minħabba l-livelli għoljin ta' korruzzjoni u burokrazija ineffikaċi, il-kapaċità ta' assorbiment tal-għajnuna hi baxxa ħafna u l-implikazzjonijiet pożittivi tagħha huma limitati ħafna;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

80. Jinnota li r-rieżami attwali għe deliberatament diżakkoppjat mill-eżerċizzju ta' programmazzjoni għall-perjodu 2014-2020 tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għall-Asja Ċentrali konkluż fl-2014, b'mod li tiġi evitata kull konfużjoni jew duplikazzjoni filwaqt li tiġi ppreżervata l-koerenza tal-azzjoni tal-UE fir-reġjun;
81. Iħeġġeġ sabiex l-ghajnnuna għall-iżvilupp tiġi ffokata fuq l-iżvilupp rurali u l-agrikoltura sostenibbli, b'mod partikolari biex tbiegħed l-agrikoltura mill-monokulturi bħat-tkabbir tal-qoton;
82. Jappella biex l-UE tissorvelja l-effikaċja tal-assistenza teknika u finanzjarja tagħha għar-riforma tas-settur pubbliku fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali;
83. Jappella għall-koordinament tal-politiki għall-iżvilupp tal-UE mal-attivitajiet tal-Istati Membri fir-reġjun; jappella għal kooperazzjoni mill-qrib fir-rigward tal-politika għall-iżvilupp mal-Istati Uniti fi ħdan il-qafas tas-sħubija tagħna għall-iżvilupp sostenibbli; jappella wkoll għal kooperazzjoni maċ-Ċina u mar-Russja fl-iżvilupp tar-reġjun tal-Asja Ċentrali;
84. Jieħu inkusiderazzjoni l-assertività taċ-Ċina fir-reġjun u t-tranżizzjoni fir-rwol tagħha minn sieħeb kummerċjali estern għal medjatur fil-governanza ekonomika reġjonali, inkluż il-forniment reġjonali ta' beni kollettivi;
85. Jemmen li s-sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) u l-inizjattiva taċ-Ċina "Medda Waħda, Rotta Waħda" se jikkostitwixxu għodda importanti biex iġibu l-iżvilupp ekonomiku u soċjali fir-reġjun;
86. Jinnota wkoll li żewġ pajjiżi, speċifikament il-Kazakistan u l-Kirgiżistan, issieħbu mal-Unjoni Ekonomika Ewro-Asjatika l-ġdida inizjata mir-Russja;
87. Jappella biex l-UE tikkoopera mill-qrib mal-fondi u l-aġenziji tan-NU u mal-Bank Dinji;
88. Jieħu nota tat-tkomplija tal-appoġġ baġitarju settorjali fil-Kirgiżistan u t-Taġikistan, u jappella lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex jiddefinixxu u japplikaw kundizzjonijiet robusti u oġġettivament verifikabbli għal kwalunkwe programm attwali ta' appoġġ baġitarju b'mod partikolari; jenfasizza, madankollu, li dan irid jiġi akkumpanjat minn kriterji aktar stretti, inklużi aġenda ta' riforma qawwija u miżuri effikaċi kontra l-korruzzjoni; jindika li l-appoġġ baġitarju tal-UE m'għandux jintuża għal finanzjament dirett tas-servizzi pubbliċi bażiċi (bħall-edukazzjoni primarja u sekondarja, il-kura tas-saħħa bażika u l-infrastruttura bażika), li huma responsabilità ewlenija tal-awtoritajiet; jikkunsidra pjuttost li l-ghajnnuna tal-UE għandha tintrabat mal-prestazzjoni tal-awtoritajiet f'dan ir-rigward, u li l-appoġġ baġitarju tal-UE għandu jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi avvanzati bħar-riċerka, l-innovazzjoni, edukazzjoni universitarja, infrastruttura innovattiva, eċċ.;
89. Jilqa' ż-żieda fl-ghajnnuna makrofinanzjarja, u jappella biex l-istrument ikkonċernat jintuża abbażi ta' kriterji stretti ta' spejjeż-benefiċċji u valutazzjonijiet tal-impatt fid-dettall li jiffokaw fuq l-effetti konsegwenzjali; jenfasizza, waqt li jieħu inkusiderazzjoni l-punti ewlenin tar-rapporti dwar il-progress tal-Istrateġija, l-importanza tal-involvement min-naħa tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-assistenza tal-UE sabiex jinkiseb impatt akbar u jittejbu r-riżultati;
90. Jilqa' t-talba tal-Kirgiżistan biex jiġu applikati l-arranġamenti GSP+, u jittama li t-Taġikistan u l-Uzbekistan isegwu l-eżempju tiegħu;
91. Jikkunsidra li hu importanti li l-pajjiżi kollha tal-Asja Ċentrali jirrispettaw ir-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u jissieħbu magħha;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

92. Jirrikonoxxi, bi qbil mas-sejbiet tal-OECD, l-importanza partikolari tal-programmi ta' kollegament kummerċjali bejn l-investiment dirett barrani (IDB) u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju bħala għodda għad-diversifikazzjoni u l-massimizzazzjoni tal-effett konsegwenzjali tal-investimenti, b'mod li jippermetti li l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jorbtu l-IDB iżjed mill-qrib mal-ekonomiji domestiċi tagħhom u jsahha il-kompetittività tagħhom filwaqt li jippermettilhom jiksbu aċċess għas-swieq internazzjonali, għall-finanzjament, għat-teknoloġija u għall-kapaċitajiet ġestjonali; jappella, f'dan ir-rigward, lill-gvernijiet tal-istati tal-Asja Ċentrali biex jinizjaw dawn il-programmi u jżidu l-involviment tal-partijiet interessati fil-programmi ta' kollegament kummerċjali li diġà jeżistu; jindika li, sabiex jiġi żgurat li l-produzzjoni lokali tissodisfa l-istandards internazzjonali ta' kwalità, hemm bżonn li jiġu implimentati miżuri komplementari, bħal pereżempju l-offerta ta' programmi ta' taħriġ bħala għajnuna għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju biex itejbu l-kapaċitajiet tal-persunal tagħhom jew l-għajnuna għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju biex iħaddnu l-istandards ta' kwalità rikonossuti internazzjonalment;

93. Jenfasizza li hu vitali għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli fir-reġjun li l-integrazzjoni reġjonali tiġi approfondita, li l-kummerċ intrareġjonali jiżdied, li l-attenzjoni tiġi ffokata fuq in-netwerks ta' trasport u s-servizzi loġistiċi, u li l-klima kummerċjali u l-qafas leġiżlattiv u regolatorju jittejjbu, speċjalment għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju;

94. Ifakkar fil-bosta każijiet ta' tuberkuulozi infettiva fir-reġjun tal-Asja Ċentrali; jissottolinja l-importanza ta' kontinwità fl-introduzzjoni gradwali ta' trattament għat-tuberkuulozi fil-pajjiżi emerġenti li m'għadhomx jirċievu għajnuna bilaterali mill-UE, fid-dawl tal-iżvilupp tar-reżistenza għall-mediċini f'ċerti razez ta' tuberkuulozi;

L-enerġija, l-ambjent, l-ilma u t-trasport

95. Jisħaq fuq il-ħtieġa għal djalogu iktar intensiv rigward l-iżvilupp infrastrutturali, inklużi n-netwerks tal-enerġija u t-trasport, kif ukoll il-konnessjonijiet ta' kapaċità għolja mal-internet;

96. Jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni fil-qasam tal-enerġija hija kwistjoni kruċjali fir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Asja Ċentrali; iqis li r-reġjun hu sors potenzjali addizzjonali għal sigurtà fil-qasam tal-enerġija għall-UE, b'riferiment partikolari għall-potenzjal għal aktar kooperazzjoni mal-Każakistan u t-Turkmenistan; ifakkar fl-importanza li l-UE jkollha provvista enerġetika sigura, stabbli u bi prezz raġonevoli, b'mod konformi mal-Unjoni tal-Enerġija tagħha u anke fid-dawl tar-rilevanza li għandha għas-sigurtà kumplessiva tal-Unjoni; jissottolinja konsegwentement il-ħtieġa li l-provvista u d-diversifikazzjoni enerġetiċi jkunu element fundamentali tal-istrateġija UE-Asja Ċentrali, u jappella biex l-UE żżid l-isforzi tagħha favur l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija, li hi fl-interess tal-partijiet kollha peress li se tgħin biex tinħoloq id-diversifikazzjoni fil-qasam tal-enerġija; jappella, f'dan ir-rigward, biex jiġu rdoppjati l-isforzi sabiex jinkiseb l-oġettiv tal-espansjoni tal-Kuritur tan-Nofsinhar lejn l-Asja Ċentrali u l-pipeline trans-Kaspju; jenfasizza, madankollu, li l-ftehimiet u d-djalogi dwar l-enerġija jridu jiġu akkopjati ma' elementi b'saħħithom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

97. Jieħu nota tal-appoġġ tal-UE għall-proġetti fil-qasam tal-enerġija li jistgħu jestendu l-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar, inkluż minn ġor-rotta trans-Kaspja u, possibilmment, dik tal-Iran; jappella, madankollu, lill-UE biex twettaq studji ta' fattibilità komprensivi għat-tali proġetti, inklużi valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjali;

98. Jappoġġa l-promozzjoni min-naħa tal-UE tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tas-swieq tal-enerġija fl-Asja Ċentrali ma' dawk tal-pajjiżi ġirien, kif ukoll ma' dawk tal-UE;

99. Itenni l-opinjoni tiegħu li l-investiment mill-ġdid tad-dħul mir-riżorsi naturali hu kruċjali għal żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli;

100. Jinkoraġġixxi biex jittejjeb il-koordinament u tingħata ħajja ġdida għall-isforzi taħt il-pjattaforma reġjonali kruċjali għall-ilma u l-ambjent, immexxija mill-Italja u mir-Rumanija;

101. Jargumenta favur rwol proattiv imsaħħa għall-UE f'termini ta' żvilupp ambjentalment sostenibbli; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-prinċipji tas-sostenibilità ambjentali matul l-estrazzjoni jew l-ipproċessar tar-riżorsi naturali fir-reġjun promossi mill-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI); jinnotta li, fir-reġjun, huma biss il-Każakistan u l-Kirgiżistan li jikkonformaw mal-EITI, filwaqt li l-istatus ta' kandidat tat-Taġikistan ġie temporanjament sospiż fl-2015;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

102. Jinnota bi tħassib li, apparti ż-żieda fl-impatti tat-tibdil fil-klima, għad fadal bosta sfidi ambjentali allarmanti li ntrirtu mill-perjodu Sovjetiku, bħal dawk li għandhom x'jaqsmu mal-kontaminazzjoni mhux issorveljata u kontinwa tul dawn l-aħħar deċenni u mal-azzjoni urġenti għat-tindif tas-siti għat-testijiet nukleari, l-attivitajiet industrijali u tal-minjieri, l-isfruttament insostenibbli tar-riżorsi naturali, id-degradazzjoni tal-art u tal-ekosistemi, it-tniġġis tal-arja, id-deżertifikazzjoni u, fuq kollox, il-ġestjoni ħażina kontinwa tal-ilma fuq livell katastrofiku; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tintensifika l-assistenza teknika, tassisti fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi u ttiprovdi l-għarfien u l-aħjar prattika Ewropej dwar kif jistgħu jiġu indirizzati dawn il-problemi;

103. Iħeġġeġ lill-UE tkompli ttiprovdi assistenza finanzjarja u teknika li tindirizza l-kwistjonijiet fl-oqsma tas-saħħa, umanitarji, ambjentali, ekonomiċi u dawk ta' għarfien relatati mal-konsegwenzi tat-testijiet nukleari li saru mill-Unjoni Sovjetika fis-sit għat-testijiet nukleari ta' Semipalatinsk fil-Grigal tal-Każakistan, qrib il-belt ta' Semey (li qabel kienet magħrufa bħala Semipalatinsk);

104. Jilqa' u jinkoraġġixxi sforzi ulterjuri f'termini ta' adattament u reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u jħeġġeġ lill-pajjiżi tal-Asja Ċentrali jikkontribwixxu b'mod kostruttiv għas-suċċess tal-Konferenza dwar il-Klima ta' Pariġi tal-2015;

105. Jappella lill-UE biex tintensifika ulterjorment il-programmi tagħha għat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri u l-bini ta' reżiljenza fl-Asja Ċentrali bħala reġjun partikolarment suxxettibbli għad-diżastri naturali, b'theddid serju relatat ma' diżastri ambjentali u t-tibdil fil-klima;

106. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-ammont massiv ta' merħliet ta' antilopi li mietu fit-saiga tal-Każakistan f'Mejju 2015; iħeġġeġ lill-UE tikkontribwixxi permezz ta' miżuri ta' rikerka u ambjentali għall-prevenzjoni ta' każijiet possibbli fil-ġejjieni;

107. Jappella lill-UE biex tintensifika l-isforzi tagħha biex trawwem il-kooperazzjoni fost il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma;

108. Jinkoraġġixxi lill-UE tipprijoritizza u tuża ulterjorment "id-diplomazija dwar l-ilma" tagħha sabiex tiffaċilita titjib fil-ġestjoni transkonfinali tal-ilma u tagħmilha ta' medjatur fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' tilwim, inkluża l-promozzjoni ta' qafas miftuħ u effikaċi, b'mod partikolari fil-każ tad-diġa ta' Rogun; iħeġġeġ, f'dan il-kuntest, lill-UE tistimola u taċċelera adegżjoni ulterjori mal-konvenzjonijiet internazzjonali u l-prinċipji ġuridiċi li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi kondiviżi tal-ilma;

109. Jappella lill-pajjiżi tar-reġjun biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjonijiet ta' Aarhus u Espoo tan-NU relatati mal-kunflitti fil-qasam tal-ilma, jekk dan mhux diġà għamluh, u biex jinvolvu lis-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni ta' dawn il-konvenzjonijiet;

110. Jappella biex jiġġeddu l-isforzi biex jiġu indirizzati u affrontati l-konsegwenzi drammatiki tad-diżastru ambjentali tat-tnixxif tal-Baħar Aral; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ tagħha għall-Fond Internazzjonali għall-Baħar Aral, u jappella lis-SEAE biex jinkludi din il-kwistjoni bħala prijorità fil-kuntatti regolari li jkollu mal-Użbekistan;

111. Jindika li l-bini ta' sistema infrastrutturali strateġika, moderna u interoperabbli għall-ferroviji u t-toroq tul ir-Rotta tal-Ħarir hu interess kruċjali għaċ-Ċina, l-UE u r-Russja, u li l-integrazzjoni b'suċċess tar-reġjun permezz ta' infrastruttura moderna u affidabbli kieku toffri opportunità importanti, mhux biss għal aktar integrazzjoni ekonomika reġjonali iżda anke għall-promozzjoni tal-mobilità tal-persuni u l-iskambju multikulturali, li min-naħa tagħhom jipproduċu ambjent aħjar biex isir progress fl-istat tad-dritt u d-demokrazija;

112. Itenni d-disponibilità tal-UE li toffri l-esperjenza u l-għarfien tagħha għall-promozzjoni tal-adozzjoni u l-infurzar tal-istandards fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà u tal-ambjent f'kull modalità ta' trasport u tiffaċilita l-kollegamenti tul il-kuritur ta' trasport Ewropa-Kawkasu-Asja Ċentrali; jappoġġa, b'mod partikolari, t-tkomplija tal-isforzi min-naħa tal-UE għall-iżvilupp ta' trasport b'sikurezza u sigurtà permezz tal-ajru u l-baħar fl-Asja Ċentrali;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

113. Jinkoraġġixxi koordinament ulterjuri min-naħa tal-UE mal-politika tat-trasport taċ-Ċina fir-reġjun;

Il-kooperazzjoni reġjonali, l-isfidi fil-qasam tas-sigurtà u l-ġestjoni tal-fruntieri

114. Jinkoraġġixxi lill-UE biex tintensifika d-djalogu tagħha dwar l-Asja Ċentrali mal-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali rilevanti, kif ukoll mal-ġirien tal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali u l-istati l-oħra li huma attivi fir-reġjun;

115. Jinkoraġġixxi lill-UE ssaħħaħ il-konnettività billi tidentifika, flimkien mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, l-oqsma għal kooperazzjoni intensifikata, speċjalment fir-rigward tat-trasport u l-enerġija; jisħaq fuq il-fatt li għandha tingħata prijorità għall-integrazzjoni tal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fosthom u bejniethom, kif ukoll fis-swieq u l-kurituri internazzjonali;

116. Jemmen li l-UE, waqt li taħdem id fid mal-Istati Membri, għandha tkompli tippromwovi politiki speċifiċi favur l-integrazzjoni reġjonali u għall-bini tal-fiduċja, filwaqt li tippremja wkoll il-passi pożittivi li jkunu ħadu stati individwali jew gruppi ta' pajjiżi tal-Asja Ċentrali permezz ta' żieda fil-kooperazzjoni; hu tal-fehma li l-miżuri tal-UE għandhom ikunu orjentati lejn il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull pajjiż; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi approfondit id-djalogu politiku u jitrawmu miżuri għall-bini tal-fiduċja fost il-pajjiżi tar-reġjun;

117. Iqis li l-appfondiment tal-integrazzjoni ekonomika reġjonali hu element importanti għall-istabilità reġjonali u l-bini tal-paċi;

118. Jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni mal-OSKE u n-NU f'kull qasam ta' politika;

119. Jappella wkoll lill-UE biex tinvolvi lill-Mongolja fuq bażi *ad hoc* f'ċerti aspetti tal-Istrateġija Ewropea għall-Asja Ċentrali;

120. Jirrikonoxxi li t-theddid u l-isfidi prinċipali identifikati fl-Istrateġija għall-Asja Ċentrali jibqgħu rilevanti;

121. Jemmen li l-UE għandha tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni reġjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet komuni u l-isfidi komuni, u li l-interess komuni għandu jegħleb l-eteroġeneità tal-pajjiżi kkonċernati;

122. Jinnota li l-kwistjonijiet etniċi mhux riżolti, nuqqas ta' prospetti għal trasferiment b'ordni tal-poter u l-governanza mhux inklużiva fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali huma sorsi ta' instabilità u estremiżmu potenzjali, u li, konsegwentement, l-implimentazzjoni b'suċċess tal-interessi ewlenin tal-UE b'segwitu għall-Istrateġija għall-Asja Ċentrali qed tiġi serjament ikkontestata;

123. Jappoġġa l-għan fuq żmien twil tal-UE li tittrasforma d-Djalogu ta' Sigurtà ta' Livell Għoli li qed jitwieled bejn l-UE u l-Asja Ċentrali f'forum ġenwin għall-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-isfidi komuni fil-qasam tas-sigurtà fir-reġjun u lil hinn mill-fruntieri tiegħu, bħalma huma l-effetti konsegwenzjali tal-gwerra fl-Afganistan, inklużi t-theddida tal-Istat Iżlamiku, it-traffikar tad-droga, it-traffikar tal-bnedmin, l-estremiżmu u t-terroriżmu vjolenti, u r-riskji kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari; jevidenzja l-importanza u l-impatt pożittiv tal-programmi ta' kooperazzjoni reġjonali, inklużi dawk għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali u s-sigurtà tal-fruntieri, bħalma huma l-Programm għall-Ġestjoni tal-Fruntieri fl-Asja Ċentrali (BOMCA) u l-Programm ta' Azzjoni kontra d-Droga fl-Asja Ċentrali (CADAP); jemmen li fid-Djalogu jrid jiġi integrat fokus fuq is-sigurtà tal-bniedem u mhux biss is-sigurtà statali; itenni d-determinazzjoni tal-UE li tiżviluppa ulterjorment djalogi ta' sigurtà kemm fil-livell reġjonali, kif ukoll f'dak bilaterali mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, b'mod li tiżgura l-involviment aktar qawwi min-naħa tal-Afganistan f'kooperazzjoni mas-sħab reġjonali kkonċernati, b'rigward partikolari għaċ-Ċentru Reġjonali tan-NU għad-Diplomazija Preventiva fl-Asja Ċentrali (UNRCCA);

124. Jieħu nota tal-adozzjoni tal-CADAP għall-2014-2020; jinsab allarmat, madankollu, bil-livelli rekord li laħqet il-kultivazzjoni tal-oppju u bit-traffikar relatat li jitlaq mill-Afganistan u jgħaddi mill-Asja Ċentrali; jitlob lis-SEAE/lill-Kummissjoni jindirizzaw il-kwistjoni tal-involviment tal-kriminalità organizzata, kif ukoll tal-klassijiet privileġġati fit-traffikar, u l-effetti negattivi fuq is-saħħa pubblika fir-reġjun;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

125. Jirakkomanda, għal darba oħra, li l-BOMCA u l-CADAP jinġiebu taħt il-kappa tal-istrument li jikkontribwixxi għall-istabilità u l-paċi aktar milli taħt dik tal-istrument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

126. Ihegġegħ lill-UE tkompli bil-programmi ta' appoġġ reġjonali mmirati lejn il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi, inklużi l-promozzjoni ta' rikonċiljazzjoni interkomunali u interetnika, kif ukoll id-demarkazzjoni tal-fruntieri fl-Asja Ċentrali, iffinanzjati mill-istrument li jikkontribwixxi għall-istabilità u l-paċi;

127. Jilqa' l-proġett "Kooperazzjoni Transkonfinali għal Paċi u Żvilupp Sostenibbli", sponsorjat mill-Isvizzera u mill-UNDP u li hu mmirat biex joħloq ambjent aktar konduċenti għal paċi u żvilupp sostenibbli fl-inħawi transkonfinali bejn il-Kirgiżistan u t-Taġikistan;

128. Jevidenzja r-rwol tal-UNRCCA, li ilu mill-2007 bbażat f'Ashgabat, kif ukoll dak tal-OSKE, fil-prevenzjoni tal-kunflitti fir-reġjun;

129. Jitlob lill-UE tagħti l-appoġġ tagħha lill-inizjattivi tal-UNRCCA u, taħt is-superviżjoni tiegħu, tiffoka fuq il-kwistjoni tal-ilma u tniedi djalgu bejn il-ħames pajjiżi b'mod li jiġi indirizzat it-tniġġis transkonfinali;

130. Jitlob lill-Kummissjoni tikkunsidra l-konsegwenzi sfavorevoli li jista' jkollhom il-kwistjonijiet ta' aċċess għar-riżorsi tal-ilma fuq l-istabilità u s-sigurtà fl-Asja Ċentrali, u biex tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi kollha;

131. Jinnota bi tħassib li, fir-Rapport Annwali tal-Istati Uniti dwar it-Traffikar tal-Bnedmin tal-2015 ⁽¹⁾, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan tqiegħdu fil-"Lista ta' Sorveljanza", u dan ifisser li l-għadd ta' vittmi tat-traffikar tal-bnedmin qed jiżdied; jappella lill-Koordinatur tal-UE Kontra t-Traffikar biex jappoġġa lit-Turkmenistan u lill-Uzbekistan fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, li joffendi d-dinjità tal-bniedem, spiss jinvolvi t-terror psikoloġiku u l-vjolenza fiżika, u jehtiegħ, għalhekk, li jinqered; jitlob li l-Istati Membri jevidenzjaw din il-kwistjoni importanti fil-kuntatti tagħhom ma' dawn il-pajjiżi;

132. Jevidenzja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fil-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-ġlieda kontra; jinsab profondament imħasseb dwar l-attivitatijiet tal-organizzazzjoni estremista tal-Istat Iżlamiku (IS) fir-reklutaġġ ta' numri dejjem akbar ta' ċittadini mill-Asja Ċentrali biex jivvjaġġaw lejn il-Lvant Nofsani biex jiġġieldu jew jappoġġaw b'xi mod ieħor lill-IS, Al-Nusra u organizzazzjonijiet terroristiċi u estremisti oħrajn, imqanqla parzjalment minn marġinalizzazzjoni politika u prospettivi ekonomiċi skoraġġanti; jirrikonoxxi li, fil-każ li sehem sinifikanti ta' ċittadini radikalizzati mill-Asja Ċentrali jmorru lura lejn pajjiżhom, hemm ir-riskju li jheddu s-sigurtà u l-istabilità madwar l-Asja Ċentrali, l-Afganistan, l-Iran, ir-Russja, iċ-Ċina u l-Indja;

133. Jinkoraġġixxi lill-UE tindirizza, flimkien mal-gvernijiet tal-Asja Ċentrali, l-isfidi reċiproċi tar-reklutaġġ ta' ġellieda u sostenituri mill-IS, billi jiffokaw fuq il-fallimenti politiċi u amministrattivi, bħall-promozzjoni tal-libertà reliġjuża filwaqt li jiġu salvagwardjati l-kostituzzjonijiet sekulari u jiġu riveduti l-liġijiet u l-politiki diskriminatorji, jimplimentaw programmi ta' sensibilizzazzjoni kemm għall-irġiel u kemm għan-nisa, jiffokaw fuq l-impjiegi għaż-żgħażagħ żvantaġġati, jagħtu prijorità għar-riforma tal-pulizija, u jiżguraw koordinament aħjar tas-servizzi ta' sigurtà, kif ukoll jisiltu t-tagħlim mill-esperjenzi Ewropej u Asjatiċi fir-riabilitazzjoni u r-reintegrazzjoni tal-radikali Iżlamisti;

134. Jikkunsidra li l-kooperazzjoni internazzjonali, inkluża dik mar-Russja u maċ-Ċina, hi essenzjali biex tiġi indirizzata t-theddida dejjem tikber tar-radikalizzazzjoni Iżlamista fl-Asja Ċentrali; jappella lill-partijiet internazzjonali kollha b'influwenza fir-reġjun biex jinkoraġġixxu lill-istati tal-Asja Ċentrali jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex jikkoordinaw aħjar il-kooperazzjoni bejn is-servizzi ta' sigurtà tagħhom, anke fir-rigward tal-kondiviżjoni ta' intelligence; jisħaq fuq il-fatt li l-kooperazzjoni ta' dan it-tip għandha tkun konsistenti mal-impenji internazzjonali tagħhom fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

⁽¹⁾ Ikkompilat mid-Dipartiment ta' Stat tal-Istati Uniti.

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

135. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tiddeterjora fit-Tramuntana tal-Afganistan u dwar ir-riskji ta' riperkussjonijiet fuq l-istabilità politika u militari fir-reġjun; jilqa' t-titjib fil-koerenza bejn l-istrateġiji tal-UE għall-Afganistan u għall-Asja Ċentrali rispettivament; jevidenzja, madankollu, il-ħtieġa li l-approċċ tal-UE għall-Asja Ċentrali jiġi interkonness aktar mill-qrib ma' dak għall-Afganistan u li l-politiki eżistenti jiġu adattati għal mal-istrateġija ta' wara l-2014 għall-Afganistan; jinkoraġġixxi l-involvement tal-Afganistan fil-programmi mmirati lejn l-istabilità u s-sigurtà fir-reġjun; jinkoraġġixxi lill-gvernijiet tal-istati tal-Asja Ċentrali biex jiżvolġu rwol aktar proattiv u jinvolvu rwieħhom f'kooperazzjoni aktar estensiva fl-interess tal-istabilità fl-Afganistan; jenfasizza l-ħtieġa ta' koordinament reġjonali tal-istrateġiji dwar is-sigurtà tal-bniedem, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-immigrazzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga;

136. Jappella lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-istati tal-Asja Ċentrali, jagħtu prijorità lir-riforma tas-settur tas-sigurtà, inkluż permezz ta' finanzjament u taħriġ aħjar, il-promozzjoni tal-libertà reliġjuża fil-qafas ta' kostituzzjonijiet sekulari, l-aspetti preventivi tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-isforzi lejn ir-riabilitazzjoni tal-ex ġiħadisti, bħala komponenti ta' strateġija komprensiva biex tiġi affrontata l-isfida tal-estremiżmu Iżlamista; jiddispjaċih li, minkejja l-ħtieġa urġenti għal Riforma tas-Settur tas-Sigurtà fil-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, l-UE għadha ma rnexxilhiex tintegraha fl-istrateġija tagħha; jilqa', f'dan il-kuntest, il-progress li sar fil-Każakistan bħala punt ta' tluq għal riforma fuq skala reġjonali; jappella lill-UE biex tiżviluppa programmi speċifiċi ta' riforma tas-settur tas-sigurtà għall-Kirgiżistan, u possibbilment għat-Taġikistan, li jiffokaw fuq l-istat tad-dritt u l-istandards fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-ġustizzja kriminali u fuq il-pulizija ċivili;

137. Jirrikonoxxi t-tkomplija tal-implimentazzjoni taż-Żona Ħielsa minn Armi Nukleari tal-Asja Ċentrali mill-ħames pajjiżi tal-Asja Ċentrali;

138. Jappella lill-Istati Membri biex jinterpretaw u jimplementaw b'mod aktar uniformi, kif ukoll jirrispettaw strettament it-tmien kriterji stabbiliti fil-pożizzjoni komuni tal-UE tal-2008 dwar il-kontrolli fuq l-esportazzjoni tal-armi; juri, f'dan ir-rigward, tħassib dwar il-fatt li xi kumpaniji Ewropej sabu kif jevitaw din il-pożizzjoni komuni b'segwitu għal ftehimiet bilaterali minn xi Stati Membri;

139. Jitlob lill-Istati Membri jwaqqfu l-esportazzjoni ta' sistemi għal sorveljanza intrużiva lesti biex jintużaw lejn il-pajjiżi tar-reġjun jekk ikun hemm biżżejjed raġunijiet biex wieħed jemmen li dawn is-sistemi se jintużaw kontra ġurnalisti, persunaġġi politiċi jew difensuri tad-drittijiet tal-bniedem; jappella lill-Kummissjoni biex tirrevedi s-sistema Ewropea ta' kontroll tal-esportazzjoni b'mod li tipprevjeni li t-tali sistemi intrużivi jispiċċaw f'idejn ħżiena;

Kwistjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi individwali

140. Jissottolinja li l-paragrafi li ġejjin, speċifiċi għall-pajjiżi individwali, jindirizzaw biss kwistjonijiet prijoritarji u għalhekk mhumiex totalment komprensivi;

Il-Każakistan

141. Jenfasizza l-fatt li relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi aktar profondi għandhom jiġu bbażati fuq valuri kondiviżi; jinnota li l-Każakistan huwa l-ewwel sieħeb fl-Asja Ċentrali li l-UE nnegozjat u ffirmat miegħu Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK Imsaħħaħ); jistenna, bil-finalizzazzjoni tal-Ftehim, impenn attiv u konkret min-naħa tal-Każakistan rigward ir-riformi politiċi u demokratiċi li jirriżultaw mill-obbligi u l-impenni internazzjonali tiegħu; jirrikonoxxi li l-programm fuq '100 pass' hu tentattiv biex jiġu indirizzati riformi urġenti fil-pajjiż;

142. Jenfasizza, f'dan ir-rigward, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament tat-22 ta' Novembru 2012 dwar in-negozjati għal ftehim imsaħħaħ ta' sħubija u kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan, li huma kruċjali biex il-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-FSK Imsaħħaħ il-ġdid u għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Każakistan fil-ġejjieni;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

143. Jinsab profondament imħasseb dwar id-deterjorament dejjem jiżdied fl-oqsma tal-libertà medjatika, il-libertà ta' espressjoni, u l-libertà ta' għaqda u ta' assoċjazzjoni; itenni u jisħaq fuq il-fatt li progress konkret u tanġibbli fir-riformi politiċi ġie kkollegat mal-progress fin-negozjati għall-FSK Imsaħħaħ il-ġdid; jappella lill-Kazakistan biex jagħmel kull sforz possibbli biex jiżgura li l-leġiżlazzjoni tiegħu tkun konformi mal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa u li tiggarrantixxi l-implimentazzjoni sħiħa tal-libertajiet fundamentali mingħajr restrizzjonijiet awtoimposti; jappella lill-awtoritajiet Każakistani biex jieħdu miżuri konkreti u effikaċi biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet li saru mir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar il-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni fir-rapport ta' eżitu dwar il-missjoni tiegħu fil-Kazakistan f'Jannar 2015; jinkoraġġixxi lill-Kazakistan biex, f'dan ir-rigward, jeżamina mill-ġdid u jemenda l-kodiċijiet kriminali l-ġodda tiegħu fir-rigward tal-kriminalizzazzjoni tal-libell, minħabba li din iddghajef il-libertajiet fundamentali; jesprimi t-tħassib profond tiegħu rigward il-liġi dwar l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, minħabba li ddghajef l-indipendenza u saħansitra tikkontesta l-eżistenza nnifisha ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi fil-Kazakistan, u jappella biex tiġi riveduta;

144. Ifakkar lill-Kazakistan fl-impenji li ħa mal-OSKE favur riformi demokratiċi, u jħeġġeġ lill-pajjiż juri li hu denn tal-ambizzjonijiet tiegħu fil-qasam tal-politika barranija – bħala membru tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU għall-2013-2015, il-pajjiż li se jospita l-EXPO Internazzjonali tal-2017, u kandidat għal siġġu mhux permanenti fuq il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-2017-2018 – billi jwettaq riformi sinifikanti għall-politika domestika;

145. Jenfasizza li, skont il-konklużjonijiet preliminari tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Internazzjonali tal-OSKE/ODIHR fl-elezzjonijiet tal-20 ta' Marzu 2016, il-Kazakistan għad għandu ħafna x'jagħmel biex jissodisfa l-impenji li ħa fl-OSKE rigward elezzjonijiet demokratiċi, minkejja li ġie nnutat xi progress; Iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Kazakistan jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jimplimentaw bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet kollha tal-OSKE/ODIHR;

146. Jappella biex jinħelsu l-priġunieri politiċi kollha, inkluż il-mexxej tal-partit fl-oppożizzjoni, Alga!, Vladimir Kozlov;

147. Jirrikonoxxi r-rwol pożittiv li żvolġa l-Kazakistan meta ospita u ffaċilita n-negozjati E3+3 – Iran tal-2013 dwar il-programm nukleari tal-Iran, il-kontribuzzjoni tal-pajjiż għall-inizjattivi globali fl-oqsma tas-sigurtà u s-sikurezza nukleari, inkluż il-fatt li qed jospita l-bank tal-fjuwil nukleari internazzjonali l-ġdid, operat mill-IAEA, li se jibda jopera fl-2017, ir-rwol tentattiv ta' medjatur tiegħu fir-rigward tal-kriżi bejn ir-Russja u l-Ukraina, u l-għajnuna li pprova għall-konsultazzjonijiet fost l-oppożizzjoni Sirjana;

148. Jilqa' l-fatt li fl-2015 il-Kazakistan laħaq l-istadju finali tal-proċess ta' adeżjoni tiegħu mad-WTO;

Il-Kirgiżistan

149. Jiddispaċiħ dwar ir-rigress li għamel il-Kirgiżistan li, fir-reġjun, hu l-pajjiż fejn l-UE kellha l-aktar aspettattivi li se jintlaħqu l-ambizzjonijiet demokratiċi;

150. Ifaħħar lill-Kirgiżistan rigward il-progress li ntweru mill-elezzjonijiet parlamentari reċenti; jirrikonoxxi li dawn saru b'mod paċifiku u b'livell sinifikattivament aħjar ta' trasparenza; jilqa' s-sejbiet tal-Missjoni ta' Osservazzjoni Elettorali tal-OSKE dwar l-elezzjonijiet parlamentari li saru fil-Kirgiżistan fl-4 ta' Ottubru 2015, li evidenzjaw li l-votanti kellhom firxa wiesgħa ta' alternattivi u li l-kampanja elettorali kienet waħda kompetittiva; jesprimi t-tħassib tiegħu, madankollu, rigward ir-reġistrazzjoni obbligatorja ta' data bijometrika bħala prerekwiżit għall-votazzjoni, li rriżultat fi problemi sinifikanti fir-rigward tal-inklużività tal-lista tal-votanti; jisħaq fuq il-fatt li hemm bżonn ta' sforzi ulterjuri biex tiġi żviluppata demokrazija parlamentari kompletament funzjonanti, minkejja s-sinjali inizjali inkoraġġanti murija mill-Kirgiżistan rigward it-twettiq ta' riformi demokratiċi u t-tranżizzjoni lejn sistema ġenwinament multipartitika, bħala wieħed mill-pajjiżi pilota li jirċievu appoġġ mill-UE favur id-demokrazija;

151. Jilqa' l-fatt li l-Kirgiżistan irtira l-abbozz ta' leġiżlazzjoni restrittiva dwar "aġenti barranin" u persuni LGBTI, u jitolbu jiċħad kull leġiżlazzjoni li tiddiskrimina kontra l-persuni LGBTI u mmirata kontra s-soċjetà ċivili;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

152. Jilqa' l-elezzjoni b'suċċess tal-Kirgiżistan għall-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU matul l-2016-2018, u jistieden lill-pajjiż juża s-sħubija imminenti tiegħu b'mod kostruttiv biex jindirizza l-kwistjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

153. Ihegġegħ lill-Kummissjoni/lis-SEAE jassistu lill-Kirgiżistan biex lill-vittmi tal-kunflitti etniċi tal-2010 ssirilhom ġustizzja;

It-Taġikistan

154. Ihegġegħ lit-Taġikistan jikkonforma mal-impenji internazzjonali tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u jipproteġi l-libertà ta' għaqda u l-indipendenza tal-professjoni legali; jiġbed l-attenzjoni għas-sitwazzjoni problematika tal-midja b'segwitu għall-iffirmar mill-President ta' regolament ġdid skont liema l-informazzjoni kollha dwar avvenimenti uffiċjali se tiġi indirizzata mill-kanal tal-aġenzija ta' informazzjoni tal-istat, biex b'hekk jitrażżan l-aċċess minn midja oħra; jappella lit-Taġikistan biex joqgħod lura milli jinterferixxi indebitament fil-ħidma tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi u biex ma jimplementax il-leġiżlazzjoni li għadda dan l-aħħar rigward il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi;

155. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar id-deċiżjoni li l-Partit tar-Rinaxximent Iżlamiku tat-Taġikistan jiġi pprojbit, b'segwitu għal tendenza preokkupanti mmirata biex jiġu sopressi forzi politiċi leġittimi u jissikktu l-ilħna ta' kritika minħabba raġunijiet ta' tħassib dwar is-sigurtà; jappella lill-awtoritajiet Taġikistani biex jikkonformaw mal-impenji tal-ftehim ta' paċi tal-1997 u jadottaw il-miżuri meħtieġa biex jiggarantixxu l-libertà ta' espressjoni, il-pluraliżmu u ambjent politiku liberu u miftuħ;

156. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tal-missjoni ta' osservazzjoni elettorali tal-OSKE/ODIHR għall-elezzjonijiet parlamentari li saru fl-1 ta' Marzu 2015 fit-Taġikistan li daww l-elezzjonijiet "seħħew fi spazju politiku ristrett u ma rnexxilhomx jassiguraw kundizzjonijiet ekwi għall-kandidati";

157. Ikompli jesprimi tħassib rigward l-inefficienza tal-ghajnunna tal-UE għall-iżvilupp fil-pajjiż; ihegġegħ lis-SEAE/lill-Kummissjoni jagħtu prijorità lill-programmi mmirati lejn il-prevenzjoni tat-tortura fiċ-ċentri ta' detenzjoni u l-libertà medjatika fit-Taġikistan;

158. Jilqa' l-adeżjoni tat-Taġikistan mad-WTO f'Marzu 2013;

It-Turkmenistan

159. Jisħaq fuq il-fatt li t-Turkmenistan hu parti għall-biċċa l-kbira tal-ftehimiet internazzjonali ewlenin u għalhekk hu obligat jirrispetta u jħares id-drittijiet tal-bniedem taħt kwalunkwe ċirkostanza; jesprimi d-disponibilità tiegħu li jżid l-appoġġ tal-UE fil-qasam tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari billi jiġi sfruttat kompletament l-EIDHR u l-mezzi l-oħra għall-appoġġ tal-proċess ta' riforma fil-pajjiż;

160. Jiddispaċiħ li, fil-perjodu ta' rapportar, is-sitwazzjoni fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali baqgħet prattikament l-istess, minkejja li saru xi sforzi leġiżlattivi fl-oqsma politiċi, ġudizzjarji, ekonomiċi, soċjali u edukattivi; jemmen li l-leġiżlazzjoni l-ġdida għandha tiġi soġġetta għal rieżami min-naħa ta' esperti internazzjonali fid-dawl tal-obbligi internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem;

161. Jitlob lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex, fl-involvement tagħhom mal-awtoritajiet Turkmeni, jirrikjedu passi konkreti mmirati biex tittejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, skont l-Artikolu 21 TUE; jappella ulterjorment biex, apparti d-djalogu kontinwu dwar id-drittijiet tal-bniedem, jibqa' jitqajjem fil-livelli kollha t-tħassib rigward id-drittijiet tal-bniedem; itenni l-appell tiegħu lis-SEAE biex, mill-aktar fis possibbli, jgħolli l-Uffiċċju ta' Kollegament f'Ashgabat għall-istatus ta' Delegazzjoni vera u proprja tal-UE fit-Turkmenistan, *inter alia* sabiex tinteraġixxi mas-soċjetà ċivili u tissorvelja s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem;

162. Jissottolinja l-importanza li jitkompla d-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, speċjalment fir-rigward tat-tkomplija tal-pressjoni biex jinħelsu l-individwi detenuti għal raġunijiet b'motivazzjoni politika u biex jiġi żvelat id-destin tal-priġunieri li għebu;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

163. Jirrikonoxxi li d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mat-Turkmenistan kieku jgħin biex jiġi żviluppat il-potenzjal sħiħ tar-relazzjoni stabbilita;

164. Jappella lill-VP/RGħ biex tirrispetta l-ftehim li ntlaħaq mal-predeċessura tagħha fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ, li jippermetti li l-Parlament jinżamm informat kif xieraq mis-SEAE rigward l-implimentazzjoni tal-FSK, ladarba jkun daħal fis-seħħ;

165. Jilqa' l-involvement, imsaħħaħ dan l-aħħar, tat-Turkmenistan mal-UE foqasma ta' interess komuni; jinnota l-preżenza tal-pajjiż fil-Laqgħa tal-OSKE għall-Implimentazzjoni tad-Dimensjoni Umana tal-2015 u l-preżenza ta' livell għoli fuq in-naħa Turkmena fil-15-il laqgħa annwali tal-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim Kummerċjali Interim f'Ottubru 2015;

166. Jappella lit-Turkmenistan biex iwaqqaf il-kampanja attwali tiegħu biex ineħħi d-dixxijiet satellitari u jimblokka l-aċċess għal xi siti fuq l-internet, u biex itemm l-intimidazzjoni u l-fastidju ta' ġurnalisti indipendenti u attivisti tas-soċjetà ċivili;

L-Uzbekistan

167. Jiddispijaċih li l-UE f'it li xejn kienet effikaċi fid-demokratizzazzjoni tal-Uzbekistan, u jtenni l-aspettattiva tiegħu li l-UE tipprova attivament tilħaq dan l-oġettiv fil-pajjiż; jinnota r-rifjut tal-Gvern Użbek li jwettaq riformi sinifikanti; jinkoraġġixxi lill-VP/RGħ tiżviluppa politika ta' involviment kritiku, kostruttiv, kundizzjonali u koerenti mal-Uzbekistan min-naħa tal-Ewropa;

168. Jiddeplora l-ksur sistematiku u abitwali tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, minkejja l-adozzjoni ta' liġijiet imtejba rigward il-kwistjoni u r-ratifika tal-istrumenti internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Użbeki jieħdu passi sinifikanti biex jindirizzaw kompletament it-tħassib u jimplimentaw b'mod effikaċi r-rakkomandazzjonijiet kollha tar-Rapporteur Speċjali dwar it-Tortura, il-Kumitat kontra t-Tortura u l-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU;

169. Jinsisti li l-awtoritajiet Użbeki jeħilsu lil dawk kollha li ġew impriġunati b'ritaljazjoni talli eżerċitaw paċifikament il-libertà tagħhom ta' espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda, u jevidenzja l-ħtieġa ta' prevenzjoni u investigazzjoni tal-każijiet ta' tortura fil-ħabsijiet; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-estensjonijiet arbitrari tas-sentenzi ta' ħabs; jappella lill-awtoritajiet Użbeki biex jippermettu li l-organizzazzjonijiet mhux governattivi indipendenti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem jaħdmu mingħajr xkiel;

170. Jilqa' l-fatt li l-pajjiż għamel xi progress fl-eliminazzjoni tat-tħaddim tat-tfal u jilqa' b'mod partikolari l-projbizzjoni tal-gvern f'dan is-sens; ifakkar fl-importanza ta' monitoraġġ indipendenti u oġġettiv tal-implimentazzjoni tal-projbizzjoni; itenni l-ħtieġa li jiġi eliminat l-użu tax-xogħol furzat matul il-ħsad annwali tal-qoton, filwaqt li jħeġġeġ impenn ulterjuri min-naħa tal-gvern biex ikompli bi sforzi konkreti, bħal pjan ta' azzjoni, biex jeqred ix-xogħol furzat bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-ILO u l-Bank Dinji;

171. Ifakkar li l-Parlament iddeċieda li ma jikkunsidrax li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-Protokoll tal-FSK bejn l-UE u l-Uzbekistan li jestendi d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim għall-kummerċ bilaterali fit-tessuti, sakemm ma jiġix ikkonfermat li jkun għew implimentati riformi konkreti li pproduċew riżultati sostanzjali, filwaqt li jiġi wkoll żgurat li l-prattika tax-xogħol furzat, flimkien ma' dik tat-tħaddim tat-tfal, tkun effettivament qed tinqered fl-Uzbekistan;

172. Hu tal-fehma, f'dan ir-rigward, li xi għajnuna għall-iżvilupp li nġhatat mill-UE lill-Uzbekistan, inkluża dik għall-bini tal-kapaċitajiet mill-parlament tiegħu, għet indirizzata ħażin u li l-għajnuna għandha tiġi indirizzata mill-ġdid lejn oqsma aktar sinifikanti bħall-iżvilupp rurali jew il-ġestjoni ambjentali u tal-ilma;

L-Erbgħa 13 ta' April 2016

173. Jesprimi t-tħassib profond tiegħu rigward l-attivitajiet tal-Moviment Iżlamiku tal-Uzbekistan, li wiegħed lealtà lejn l-Istat Iżlamiku f'Awwissu 2015 u rrekluta eluf ta' ġiħadisti fl-Asja Ċentrali;

o

o o

174. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lis-SEAE, lir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għall-Asja Ċentrali u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Kazakistan, il-Kirgiżistan, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan.
